KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

# rapport ta' ħidma

2006

Highlights in English

Pubblikazzjoni:
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità
Ċentru Ħidma Soċjali
Santa Venera
Tel: 2148 7789
Fax: 2148 4609
Textelefon: 2144 6536
Email: helpdesk@knpd.org

www.knpd.org

ISBN No: 978-99909-71-30-9

Dan il-ktejjeb jista' jinkiseb minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni
jew fuq awdjo bil-Malti mill-uffiċini tal-Kummissjoni.

An English version of this book is available
on the Commission's website or from the Commission's offices.

# l-impenn

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità timpenja ruħha biex is-soċjetà Maltija tkun waħda inklużiva, b'mod li l-persuni b'diżabilità permezz ta' opportunitajiet indaqs fl-oqsma kollha tal-ħajja jilħqu l-milja tagħhom bħala bnedmin li jgawdu minn kwalità ta' ħajja għolja. Fit-twettiq ta' dan l-impenn, il-Kummissjoni taħdem biex is-soċjetà telimina kull forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra l-persuni b'diżabilità jew il-familji tagħhom filwaqt li tipprovdilhom l-għajnuna u l-appoġġ meħtieġ.

1

KAPITLU

# introduzzjoni

## 1. IT-TWAQQIF TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) twaqqfet għall-ewwel darba fit-3 ta' Novembru, 1987, meta l-Ministru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien, l-Onor Dr Louis Galea, kien għamel stqarrija parlamentari li fiha ħabbar li kien ħatar l-ewwel membri ta' din il-Kummissjoni. Fl-10 ta' Frar 2000, il-Kummissjoni twaqqfet uffiċjalment, din id-darba skond l-Att Nru. 1 tas-Sena 2000, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). F'din l-istess liġi ġew stabbiliti l-għanijiet tal-Kummissjoni.

## 2. L-GĦANIJIET TAL-KUMMISSJONI

L-għanijiet tal-Kummissjoni skond kif imniżżla f'Taqsima V Artiklu 22 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) huma li:

- tidentifika, tistabbilixxi u taġġorna kull prinċipju ta' eżekuzzjoni nazzjonali li sew direttament u sew indirettament ikollu x'jaqsam ma' affarijiet ta' diżabilità;
- tidentifika l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità u tieħu dawk il-passi kollha meħtieġa, jew tipproponi miżuri xierqa, sabiex kemm jista' jkun tipprovdi għal dawk il-ħtiġijiet;
- tiżgura li kull programm tal-Gvern li jkun jolqot l-affarijiet u l-interessi ta' persuni b'diżabilità, tal-familji tagħhom u ta' korpi volontarji li jkunu jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, jitwettaq skond il-prinċipji ta' eżekuzzjoni nazzjonali dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mad-diżabilità;
- tiżgura li jkun hemm il-koordinazzjoni meħtieġa bejn id-Dipartimenti u l-aġenziji kollha tal-Gvern fit-twettiq ta' miżuri, servizzi jew inizjattivi li jiġu proposti mill-Gvern jew mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien;
- iżżomm kuntatt dirett u kontinwu ma' korpi lokali u barranin li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità, u ma' gruppi, aġenziji, jew individwi oħra skond il-ħtieġa;
- tissorvelja l-għoti ta' servizzi offruti mill-Gvern jew l-aġenziji tiegħu, jew minn kull persuna jew grupp ta' persuni oħra, meta l-klijenti ta' dawk is-servizzi jkunu persuni b'diżabilità;
- taħdem biex titneħħa kull diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità;

- twettaq investigazzjonijiet ġenerali bil-għan li tistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux qegħdin jitħarsu;
- tinvestiga dawk l-ilmenti li jistgħu jsirulha dwar xi nuqqas ta' tħaris ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att f'xi każ individwali u, meta dan ikun jista' jsir, tikkonċilja għar-rigward ta' dawk l-ilmenti;
- tidħol fil-mertu ta' kwistjonijiet, u tiddeċiedi dwarhom, meta dawn jiġu lilha riferiti mill-Ministru;
- tipprovdi għajnuna, skond iċ-ċirkustanzi, inkluża għajnuna legali u finanzjarja, lil persuni b'diżabilità fil-ksib ta' jeddijiethom bis-saħħa ta' dan l-Att;
- tibqa' tissorvelja t-tħaddim ta' dan l-Att u, meta l-Kummissjoni jkun hekk jidhrilha jew hekk tinħtieġ li tagħmel mill-Ministru, tabbozza u tissottometti lill-Ministru proposti għal emendi fl-Att;
- teżamina liġijiet, u (meta l-Ministru hekk jitlobha li tagħmel) tipproponi liġijiet, bil-għan li taċċerta jekk il-liġijiet attwali jew proposti jkunux jew jistgħux ikunu inkonsistenti ma' l-għanijiet ta' dan l-Att jew imorru kontriehom, u jwasslu rapport lill-Ministru dwar ir-riżultati ta' kull analiżi simili;
- tipprovdi dawk is-servizzi kollha li jistgħu jinħtieġu jew jintalbu mill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha;
- tiġbor, tanalizza u tippubblika statistika dwar il-qasam tal-persuni b'diżabilità li, fost ħwejjeġ oħra, tkun turi l-livell nazzjonali milħuq fil-politika dwar l-inklużjoni.

## 3. IL-PERJODU TA' DAN IR-RAPPORT ANNWALI

Dan ir-rapport ikopri s-sena kalendarja 2006 u qed isir skond kif jitlob Artiklu 30 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Dan ir-rapport ma jinkludix il-ħidma li l-Kummissjoni wettqet fit-tħaddim u t-tħaris tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs peress li rapport dwar din il-ħidma ġie ppubblikat separatament. Kopja ta' dan ir-rapport tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni u tinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni:
www.knpd.org

## 4. L-ISTRUTTURA TAL-KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1. Il-membri tal-Kummissjoni jinħatru mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali għal sentejn. F'Ottubru 2006, skada l-perjodu tal-membri tal-Kummissjoni u għalhekk inħatret Kummissjoni ġdida. Għalhekk il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni hi differenti għall-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, kif jidher f'Tabella 1.

2. Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Artiklu 21) titlob li nofs il-membri tal-Kummissjoni jkunu persuni b'diżabilità jew membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità. Il-kompożizzjoni preżenti tal-Kummissjoni tissodisfa dan il-kriterju minħabba li minn 16-il membru, 5 persuni għandhom diżabilità u 3 huma membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità.

3. Matul is-sena 2006, il-Kummissjoni ltaqgħet 9 darbiet.

4. Matul din is-sena, is-Segretarjat tal-Kummissjoni ħareġ rapport ta' kull xahrejn lill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, lill-membri tal-Kummissjoni u lill-pubbliku ġenerali. Dan ir-rapport jitpoġġa fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

## 5. IS-SEGRETARJAT TAL-KUMMISSJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat ir-Rapport Annwali tagħha għas-sena 2005 waqt konferenza stampa li saret fi Frar 2006. Din il-konferenza ġiet indirizzata mill-Onor Clyde Puli, iċ-Ċermen tal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Parlament Malti. Dan ir-rapport tqassam lil dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam u setà jinkiseb mill-Kummissjoni bil-Malti jew bl-Ingliż, verżjoni awdjo bil-Malti, tipa kbira jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni bil-Malti jew bl-Ingliż.

## TABELLA 1 | KOMPOŻIZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2006

| ISEM | STATUS |
|---|---|
| Is-Sur Joseph M. Camilleri [a] | Iċ-Ċermen |
| Is-Sinj Rita Borg[a] [b] | Il-Viċi Ċermen |
| Dr Anthony Charles[a] [c] | Il-Viċi Ċermen, Settur Volontarju |
| Is-Sur Jesmond Schembri | Mill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali |
| Is-Sur George Borg[d] | Mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, ix-Xogħol u ż-Żgħażagħ |
| Is-Sinj Myriam Aquilina[c] | Mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, ix-Xogħol u ż-Żgħażagħ |
| Dr Taygeta Firman[d] | Mill-Ministeru tas-Saħħa u s-Servizzi fil-Komunità |
| Dr Marvic Sammut[c] | Mill-Ministeru tas-Saħħa u s-Servizzi fil-Komunità |
| Is-Sur Alfred Camilleri | Mill-Ministeru tal-Finanzi |
| Is-Sur Noel Formosa | Mill-Ministeru għal Għawdex |
| Is-Sinj Sarah Cuschieri | L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali |
| Dr Marie Alexander | L-Università ta' Malta |
| Fr Martin Micallef | L-Arċidjoċesi ta' Malta |
| Is-Sinj Miriam Bonnici[a] [d] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Ronald Galea[a] [d] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Marchita Mangiafico[a] [d] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Ingrid Valenzia[a] [d] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Epifanio Vella[a] [d] | Is-Settur Volontarju |
| Dr Daniela Mangion[a] [d] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Marthese Mugliette[a] [c] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sinj Pam Muscat[a] [c] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur John Peel[a] [c] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Karl Borg[a] [c] | Is-Settur Volontarju |
| Is-Sur Fred Bezzina | Is-Segretarju/Direttur Eżekuttiv |

(a) Dawn il-persuni huma persuni b'diżabilità jew membri tal-familji ta' persuni b'diżabilità kif jitlob artiklu 21 tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità).
(b) Is-Sinj Rita Vella neè Borg kienet membru u f'Ottubru 2006 ġiet appuntata bħala Viċi Ċermen
(c) Dawn il-persuni baqgħu membri tal-Kummissjoni sa Ottubru 2006
(d) Dawn il-persuni nħatru membri ġodda tal-Kummissjoni f'Ottubru 2006

2. Fil-preżent, is-Segretarjat tal-Kummissjoni tikkonsisti f'wieħed u għoxrin persuna, tmintax jaħdmu full-time u tlieta jaħdmu part-time. Minnhom għaxra għandhom diżabilità. Is-Segretarjat jaħdem biex joffri opportunitajiet ugwali ta' xogħol f'kull livell.

3. Il-Kummissjoni xtrat is-servizzi ta' erbatax-il professjonist biex hi tkun tista' tiffunzjona b'mod effettiv. Dawn kienu jinkludu servizzi professjonali dwar:
- il-Liġi Opportunitajiet Indaqs;
- l-ivvettjar ta' diversi applikazzjonijiet;
- rapporti u żjajjar fid-djar għas-Servizz Għajnuniet Speċjali;
- l-ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp u bini li jsiru lill-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA);
- il-kontijiet finanzjarji tagħha;
- l-interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

4. Kull sena l-Kummissjoni torganizza Staff Development Day bil-għan li jkun hemm sessjoni ta' taħriġ u anke żvilupp fit-tim tal-membri tas-segretarjat. Din is-sena t-taħriġ kien intiż li jiffoka fuq il-lingwaġġ li jintuża fil-qasam tad-diżabilità.

## 6. IS-SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI

1. Is-servizzi li l-Kummissjoni tagħti lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom huma dawn:
- Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità;
- Il-Karta ta' l-Identità Speċjali;
- Investigazzjoni ta' Lmenti ta' Diskriminazzjoni;
- Is-Servizz Għajnuniet Speċjali;
- Iċ-Ċentru tar-Riżorsi;
- Korsijiet dwar l-Oqsma fid-Diżabilità;
- Il-Programm PEKTUR;
- Servizz lill-Persuni b'Diżabilità li għandhom Imġieba Diffiċli Ħafna.

2. Il-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet lid-dipartimenti rispettivi għal dawn il-benefiċċji:
- L-ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp lill-Awtorità Maltija dwar l-Ippjanar u l-Ambjent (MEPA);
- L-eżenzjoni mid-dazju fuq karozzi lill-Ministeru tal-Finanzi;
- L-eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzji tat-triq lid-Dipartiment tal-Liċenzji;
- Il-Blue Sticker lill-Kummissarju tal-Pulizija;
- Permessi ta' Xogħol lil Assistenti Personali lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ;
- Reviżjoni ta' Deċiżjonijiet dwar ir-Reserved Parking lill-Awtorità dwar it-Trasport.

3. Rapporti dettaljati dwar dawn is-servizzi qed jingħataw f'dan ir-rapport fit-taqsimiet rispettivi tagħhom.

2 KAPITLU

# pjan ta' azzjoni

## 1. IL-PROGRAMM DINJI TA' AZZJONI DWAR IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Il-Kummissjoni hi obbligata li taħdem skond kif hemm stipulat fil-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Barra minn hekk, il-Kummissjoni, bħal ma għamlet fil-passat, kompliet timxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet u l-proposti li l-Ġnus Magħquda fasslet u rrakkomandat lill-Gvernijiet kollha fil-Programm Dinji ta' Azzjoni Dwar il-Persuni b'Diżabilità li ħareġ fl-1983. Dan ir-rapport hu mqassam fuq l-istess linji ta' dan il-programm. Fi tmiem is-sena 1993, il-Ġnus Magħquda ħarġet ukoll ir-Regoli Standard għal Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità. Dan id-dokument jikkomplimenta u jkompli jiżviluppa l-Programm Dinji u għalhekk il-Kummissjoni, matul dan il-perjodu, żammet dawn ir-Regoli Standard ukoll bħala riferenza importanti fit-twettiq ta' ħidmitha.

## 2. IL-KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI

Biex il-qasam tal-persuni b'diżabilità jkun parti integrali mill-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiż, il-Gvern illeġiżla biex il-Kummissjoni tifforma parti mill-Kumitat Ċivili tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku. Il-Kummissjoni hi rappreżentata fuq dan il-Kumitat miċ-Ċermen, is-Sur Joe Camilleri.

## 3. IR-REĠISTRU NAZZJONALI TAL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1. Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni kompliet tibni r-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità bil-għan li hi tkun tista' tikkomunika kemm permezz ta' letteratura tagħha stess kif ukoll permezz ta' letteratura ta' entitajiet oħra li jkunu jixtiequ jgħaddu din il-letteratura lil dawn il-persuni. Barra minn hekk dan ir-reġistru jsir biex minnu noħorġu statistika dwar dan is-settur. Kull persuna li tapplika għal xi servizz tal-Kummissjoni titpoġġa fuq dan ir-reġistru.

2. Ma' dan ir-rapport, il-Kummissjoni qed tinkludi f'Appendiċi A statistika dwar il-persuni b'diżabilità f'Malta u f'Għawdex li toħroġ minn dan ir-Reġistru.

3. Il-Kummissjoni tirċievi numru ta' talbiet mingħand entitajiet differenti, bħal ma huma għaqdiet tal-persuni b'diżabilità, kunsilli lokali, kappillani, studenti universitarji, u l-bqija, li jużaw din l-informazzjoni biex ikunu jistgħu jagħmlu kuntatt ma' dawk il-persuni reġistrati jew ma' wħud minnhom. Il-Kummissjoni, minħabba li hi marbuta strettament bil-kunfidenzjalità u għalhekk ma tistax tgħaddi din l-informazzjoni lil ħaddieħor, xorta għażlet li tgħin. Hi titlob lil dawk li jridu jużaw dan is-servizz biex jipprovdu l-informazzjoni li jridu jibagħtu ħalli din tintbagħat mill-Kummissjoni stess. Matul din is-sena, il-Kummissjoni pprovdiet dan is-servizz lil ħmistax-il entità jew individwi differenti.

KAPITLU 3

# ir-rijabilitazzjoni

## 1. SERVIZZ ĠDID TA' SAPPORT LIL PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI GĦANDHOM IMĠIBA DIFFIĊLI

1. Fl-aħħar tas-sena l-oħra, il-Kummissjoni bdiet servizz ġdid li kien ilu ħafna fuq l-aġenda tagħha. Waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni għal dawn l-aħħar snin kienet il-bżonn ta' servizz ħolistiku għal persuni b'diżabilità li għandhom imġieba diffiċli ħafna. Biex jingħata dan is-servizz, il-Kummissjoni akkwistat is-servizzi tas-Sinj Forough Hessabi M.A (Psych), Ed. S, speċjalista edukattiva b'ħafna snin ta' esperjenza.

2. Dan is-servizz hu maħsub biex jgħin persuni b'diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna, lill-membri tal-familja tagħhom u lill-istaff li jaħdem magħhom f'oqsma differenti. Is-servizz jipprovdi taħriġ dirett, konsultazzjoni u sessjonijiet ta' terapija individwali. L-istatistika marbuta ma' dan is-servizz għal din is-sena tinsab f'Tabella 2.

3. Dan is-servizz, meta tqabbel il-komponenti ewlenin tiegħu ma' l-ewwel sena tiegħu, wera żieda qawwija ta' madwar 30% f'dawk li huma sessjonijiet individwali u tnaqqis ta' madwar 11% f'dawk li huma sessjonijiet ta' taħriġ.

1.4 Il-Kummissjoni ppruvat tespandi dan is-servizz billi timpjega professjonista ssekondat mill-aġenzija SAPPORT. Dan il-pjan ma ħadimx u din il-persuna rritornat għall-impjieg oriġinali tagħha.

## 2. SERVIZZ GĦAJNUNIET SPEĊJALI

1. F'dan il-perjodu, is-Servizz Għajnuniet Speċjali ta assistenza finanzjarja u pariri dwar għajnuniet biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu ħajja aktar indipendenti. L-istatistika ġenerali dwar dan is-servizz hi miġbura f'Tabella 3. Din l-istatistika turi li matul din is-sena, għalkemm in-numru ta' benefiċjarji żdied bi ftit (3%), dan is-servizz kellu tnaqqis fl-applikazzjonijiet ta' 12% li hi riflessa ukoll fi tnaqqis fin-numru ta' persuni li qegħdin fil-lista ta' stennija. Wara ż-żieda qawwija li ġiet reġistrata s-sena l-oħra, dan it-tnaqqis ifisser li ċ-ċifri rritornaw għal dawk tas-snin preċedenti. Is-somma totali stabilizzat ruħha wkoll għal-livelli tas-snin preċedenti.

2. Analiżi ta' dan servizz skond l-etajiet tal-benefiċjarji u l-apparat li għalih ġew megħjuna tinstab f'Tabella 4 u f'Tabella 5.

**TABELLA 2** | SERVIZZ TA' SAPPORT LIL PERSUNI B'IMĠIEBA DIFFIĊLI

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| SESSJONIJIET TA' TAĦRIĠ | **91** | **84** |
| Aġenzija SAPPORT | 36 | 21 |
| Dar tal-Providenza | 24 | 18 |
| Ċentri ta' Matul il-Jum | 15 | 14 |
| Sptar Monte Carmeli | 14 | - |
| Skejjel | - | 17 |
| Child Guidance Clinic | - | 14 |
| Oħrajn | 2 | - |
| SESSJONIJIET INDIVIDWALI | **1140** | **1480** |
| Mill-Komunità | 521 | 667 |
| Aġenzija SAPPORT | 302 | 426 |
| Child Guidance Clinic | 124 | 75 |
| Sptar Monte Carmeli | 85 | 109 |
| Sptar San Luqa | - | 38 |
| Dar tal-Providenza | 51 | 31 |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | 30 | 75 |
| Għawdex | - | 38 |
| Dar Nazaret | 24 | 21 |
| Oħrajn | 3 | - |
| SUPERVIŻJONI KLINIKA | **21** | **12** |
| SESSJONIJIET MA' L-AĦWA | **12** | **6** |

3. Minħabba nuqqas ta' fondi, il-Kummissjoni ma tistax tgħin lil kull min japplika għal dan is-servizz; tgħin biss sa 50% tal-prezz u dan sa massimu ta' Lm500 meta hemm numru ta' oġġetti li jiswew ħafna aktar. Għaldaqstant il-Kummissjoni, bħal ma kienet għamlet snin qabel, reġgħet għamlet talba lill-Gvern biex fil-baġit tas-sena 2007 jiżdiedu l-fondi ta' dan is-servizz. Sfortunatament din it-talba ma ntlaqgħetx.

4. Dan is-servizz kompla jaħdem mill-qrib mal-Community Chest Fund billi:
- is-Sur Joe Camilleri, iċ-Ċermen tal-Kummissjoni, hu membru ta' dan il-fond.
- persuni li jieħdu għajnuna finanzjarja parzjali minn dan is-servizz jistgħu jitolbu aktar għajnuna finanzjarja minn dan il-fond. Ħafna drabi dawn it-talbiet jintlaqgħu.
- kompla l-ftehim bejn il-Kummissjoni, il-Fondazzjoni Aċċessibilità għall-Informatika (FITA) u dan il-fond biex talbiet għal għajnuna finanzjarja biex jinxtara kompjuter minn persuni b'diżabilità jintlaqgħu minn dan il-fond. Numru sostanzjali ta' persuni b'diżabilità bbenefikaw minn dan il-ftehim.

5. Il-Kummissjoni qed taħdem biex tressaq żewġ proġetti biex ikunu ffinanzjati mill-fondi allokati għal Malta mill-Fond Soċjali Ewropew. Wieħed minn dawn il-proġetti għandu l-għan li jitwaqqaf Ċentru għal Ħajja Indipendenti li jgħin persuni jkollhom l-apparat u t-taħriġ li għandhom bżonn biex jgħixu ħajja indipendenti. Dan jinkludi wkoll apparat li jgħin persuna b'diżabilita fiżika ssuq.

## 3. ĦLAS LURA FUQ APPARAT APPOSTA GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

1. Il-Kummissjoni, f'isem il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, kompliet tamministra l-iskema biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż żejda li persuni b'diżabilità jkollhom iħallsu minħabba li apparat apposta għal persuni b'diżabilità beda jkollu l-VAT fuqu. Barra minn hekk, matul din is-sena, il-Kummissjoni amalgamat l-iskema l-oħra li hi kellha u li permezz tagħha kienet tgħin persuni b'diżabilità jkollhom kompjuter billi tirrifondilhom il-VAT fuq il-kompjuter li jkunu xtraw. Dettalji dwar kif ħadmet din l-iskema matul l-2006 jinstabu f'Tabella 6.

2. Dawn iċ-ċifri juru li f'dan is-servizz kien hemm żieda qawwija kemm fil-ħlas lura li sar (38%) kif ukoll fin-numru ta' persuni li bbenefikaw (56%). Din iż-żieda kienet antiċipata peress li din hi t-tieni sena li fiha qed jitħaddem dan is-servizz u għalhekk kien għadu qed jikber waqt li l-pubbliku sar jaf aktar dwaru.

**TABELLA 3**
SERVIZZ GĦAJNUNIET SPEĊJALI

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 315 | 276 |
| Persuni li bbenefikaw | 207 | 214 |
| Qegħdin fil-lista ta' stennija | 54 | 38 |
| Ma kkwalifikawx | 18 | 10 |
| Pendenti | 8 | 9 |
| Apparat li ġie rritornat u ngħata lil applikanti oħrajn | 17 | 17 |
| Apparat li ġie rritornat | 26 | 29 |
| Somma totali ta' għotjiet approvati | Lm67,000 | Lm63,300 |
| Medja tal-għotjiet | Lm324 | Lm296 |

**TABELLA 6** | ĦLAS LURA FUQ APPARAT GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

| | 2005* | 2006 |
|---|---|---|
| Ħlas lura | Lm15,391 | Lm21,296 |
| Numru ta' persuni li bbenefikaw | 198 | 308 |
| Medja ta' l-għajnuna | Lm77 | Lm69 |

* Dawn iċ-ċifri huma t-total tal-ħlas lura li sar kemm għall-apparat speċjali kif ukoll għall-kompjuters.

**TABELLA 4**
SERVIZZ GĦAJNUNIET SPEĊJALI SKOND L-ETÀ

| Età | 2005 | | 2006 | |
|---|---|---|---|---|
| 0-5 | 22 | 11% | 13 | 6% |
| 6-16 | 50 | 24% | 54 | 25% |
| 17-30 | 33 | 16% | 23 | 11% |
| 31-60 | 38 | 18% | 51 | 24% |
| 61+ | 64 | 31% | 73 | 34% |
| **Total** | **207** | **100** | **214** | **100** |

**TABELLA 5** | SERVIZZ GĦAJNUNIET SPEĊJALI SKOND L-APPARAT

| APPARAT | 2005 | | 2006 | |
|---|---|---|---|---|
| Siġġijiet tar-roti u walking aids | 84 | 34% | 82 | 33% |
| Għas-sodda u biex toqgħod bilqiegħda | 65 | 26% | 74 | 30% |
| Iġjene Personali | 24 | 10% | 31 | 12% |
| Apparat biex tikkomunika | 33 | 13% | 27 | 11% |
| Apparat biex terfa' | 31 | 13% | 27 | 11% |
| Apparat ieħor | 10 | 4% | 9 | 4% |
| **Total** | **247*** | **100** | **250*** | **100** |

* It-total hu akbar min-numru ta' applikanti għax ikun hemm applikanti li jibbenefikaw minn aktar minn tip wieħed ta' apparat.

KAPITLU 4

# opportunitajiet indaqs

## 1. LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS (PERSUNI B'DIŻABILITÀ)

1. TAQSIMA OPPORTUNITAJIET INDAQS
Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Kummissjoni hu li "tinvestiga l-ilmenti li jistgħu jsirulha dwar xi nuqqas ta' tħaris" tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) u li "tissorvelja t-tħaddim ta' din il-Liġi". Għal dan il-għan fis-segretarjat tal-Kummissjoni hemm it-Taqsima Opportunitajiet Indaqs li tieħu ħsieb din il-ħidma.

Minħabba l-importanza kbira li l-Kummissjoni tagħti lil din il-ħidma, rapport dettaljat tax-xogħol ta' din it-Taqsima jingħata separatament. Din is-sena ukoll, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport annwali tas-sitt sena ta' ħidma (Ottubru 2005-Ottubru 2006) li l-Kummissjoni wettqet dwar din il-Liġi u ppreżentatu lill-pubbliku ġenerali waqt konferenza stampa li għaliha kienu preżenti l-Onor Dr Louis Galea, Aġent Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, u l-Onor Marie Louise Coleiro Preca, kelliem ewlieni ta' l-Oppożizzjoni għal dan il-qasam.

Kopja tar-Rapport Annwali dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs bil-Malti jew bl-Ingliż, jew fuq awdjo bil-Malti, tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew inkella minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

Għaldaqstant, biex ma jkunx hemm ripetizzjonijiet, dan ir-rapport mhux se jinkludi l-ħidma li saret mill-Kummissjoni f'dan is-settur.

2. Bord li JeŻamina X'inhu RaĠonevoli
Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet il-ħidma tal-Bord li Jeżamina X'inhu Raġonevoli skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità). Il-ħidma ta' dan il-Bord hi inkluża mar-rapport annwali tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (imsemmi aktar 'il fuq) u għalhekk mhix se tkun inkluża f'dan ir-rapport.

3. ReviŻjoni tal-LiĠi Opportunitajiet Indaqs
Matul l-2006, il-Kummissjoni ffinalizzat il-proċess ta' konsultazzjoni u diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) li kien inbeda fis-sena ta' qabel.

L-emendi proposti mill-Kummissjoni għal din il-Liġi għandhom l-għan li jagħmlu din il-Liġi aktar effettiva u aktar konformi mad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea li tistabillixxi Qafas Ġenerali għal Trattament Ugwali fl-Impjiegi.

Il-Kummissjoni ppreżentat dawn l-emendi lill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali għall-konsiderazzjoni tiegħu. Dawn l-emendi jinsabu wkoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

## **2.** IL-KARTA TA' L-IDENTITÀ SPEĊJALI

1. Il-Kummissjoni kompliet toħroġ il-Karta ta' l-Identità Speċjali lil persuni b'diżabilità bil-għan li din tgħinhom ikollhom aktar opportunitajiet indaqs. L-istatistika dwar dan is-servizz għal dan il-perjodu tidher f'Tabella 7.

2. Din l-istatistika turi li matul din is-sena dan is-servizz kellu żieda żgħira ta' madwar 5% fl-applikazzjonijiet waqt li n-numru ta' Karti ta' l-Identità Speċjali li ġew irtirati wera żieda qawwija ħafna ta' madwar 74%. Dan seħħ wara li l-Kummissjoni bdiet taħdem biex dawn il-Karti jiġu rtirati meta l-persuna b'diżabilità tmut. Hekk tonqos il-possibilità ta' abbuż permezz ta' dan id-dokument. In-numru totali ta' din il-Karta żdied bi kważi 10% matul l-2006.

3. Persuni li għandhom din il-Karta ta' l-Identità Speċjali huma intitolati għal numru ta' benefiċċji li lista tagħhom tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni, mill-ktejjeb Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità (paġni 59-61) jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

## **3.** ĦIDMA DWAR IL-POLICIES TAL-PAJJIŻ

Waħda mill-ħidmiet li l-Kummissjoni għandha hi li tara li l-politika tal-pajjiż tassew toffri opportunitajiet indaqs lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Matul din is-sena l-Kummissjoni ħadmet ħafna għal dan il-għan. L-aktar oqsma importanti kienu dawn:

1. Il-BaĠit Nazzjonali gĦas-Snin 2006 u l-2007
   Kull sena, il-Kummissjoni tagħmel rappreżentazzjonijiet biex il-baġit nazzjonali jieħu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Għal dan il-għan, saret laqgħa mal-Prim Ministru l-Onor Dr L Gonzi u uffiċjali oħra governattivi biex jiġu implimentati l-miżuri mħabbra għal dan is-settur fil-baġit 2006 u saru proposti biex jiġu inklużi fil-baġit għas-sena 2007. Dawn il-proposti huma diskussi f'diversi taqsimiet oħra ta' dan ir-rapport.

**TABELLA 7** | KARTA TA' L-IDENTITÀ SPEĊJALI

| | **2005** | **2006** |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 1,101 | 1,158 |
| Applikazzjonijiet li ġew aċċettati | 1,096 | 1,143 |
| Applikazzjonijiet li ma ġewx aċċettati | 5 | 15 |
| Karti ta' l-Identità Speċjali li ġew imġedda | 497 | 472 |
| Karti ta' l-Identità Speċjali li ġew irtirati | 236 | 411 |
| **Total ta' persuni b'diżabilità li għandhom din il-Karta** | **7,655** | **8,402** |

2. Riforma tal-Pensjonijiet
Il-Kummissjoni baqgħet issegwi r-Riforma fil-Pensjonijiet. Waħda mill-proposti ewlenin tal-Kummissjoni għal din ir-riforma kienet li ġenituri li jkollhom wild b'diżabilità jkollhom perjodu itwal fejn il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali tkun akkreditata u hekk ikunu jistgħu jibqgħu jieħdu ħsieb dan il-wild għal żmien itwal. Din il-proposta ġiet aċċettata u issa dawn il-persuni għandhom erba' snin flok tnejn biex, jekk huma jagħżlu, ikollhom din il-kontribuzzjoni mħallsa.

3. Is-Soprataxxa fuq id-Dawl u l-Ilma
Il-Kummissjoni ddiskutiet is-soprataxxa fuq id-dawl u l-ilma minħabba li din tolqot aktar b'mod negattiv lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Il-Kummissjoni rrakkomandat li s-ceiling tad-dħul li fuqu jinħadmu l-faxxi tat-taxxa u s-ceiling tad-dħul li fuqu jiġi eżentat min ma jħallasx is-soprataxxa tad-dawl u l-ilma għandhom ikunu ogħla fil-każ ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Din ir-rakkomandazzjoni saret lill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u kienet ukoll waħda mill-proposti li l-Kummissjoni għamlet għall-baġit tas-sena 2007. Din il-proposta ma ġietx aċċettata.

4. Il-Pjan Nazzjonali dwar it-TuriŻmu
Il-Kummissjoni ntalbet mill-Ministeru tat-Turiżmu biex tagħti l-kummenti tagħha dwar il-Policy u l-Pjan Nazzjonali dwar it-Turiżmu. Il-Kummissjoni bagħtet diversi proposti konkreti biex jiġu inklużi f'dawn id-dokumenti biex il-qasam tat-turiżmu wkoll joffri opportunitajiet indaqs lil kulħadd. Ir-rispons għal dawn il-kummenti kien wieħed pożittiv u hu ttamat li wħud minnhom jiġu inklużi fid-dokumenti finali.

5. Il-Pjanijiet tal-Partit Laburista dwar is-SaĦĦa u l-Familja
Il-Kummissjoni ntalbet mill-Partit Laburista biex tagħti l-kummenti tagħha dwar l-abbozz ta' żewġ pjanijiet li l-Partit ippropona: wieħed dwar is-Saħħa u l-ieħor dwar il-Familja. Wara li dawn iż-żewġ dokumenti ġew diskussi fil-laqgħat tal-Kummissjoni, ġiet ippreparata l-pożizzjoni tal-Kummissjoni għalihom. Ir-reazzjonijiet tal-Kummissjoni ġew ippreżentati lill-Partit Laburista waqt laqgħat li delegazzjoni tal-Kummissjoni kellha mal-Viċi Kap, Dr Charles Mangion, fil-każ tal-Pjan dwar is-Saħħa u mal-Kap tal-Partit, l-Onor Dr Alfred Sant, fil-każ tad-dokument dwar il-Familja.

6. LaqgĦa ma' l-Alternattiva Demokratika
Delegazzjoni tal-Kummissjoni kellha laqgħa ma' delegazzjoni ta' l-Alternattiva Demokratika mmexxija minn Dr Harry Vassallo. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-oqsma ewlenin li jolqtu lil dan is-settur u wara ħarġet stqarrija għall-midja.

7. Il-Bidla gĦall-Ewro
Il-Kummissjoni hi rappreżentata fuq il-Kumitat tal-Konsumaturi li qed jieħu ħsieb il-Bidla għall-Ewro. Il-Kummissjoni għamlet diversi rappreżentazzjonijiet biex il-kampanja ta' informazzjoni li qed issir għal din il-bidla biex din tieħu ħsieb il-bżonnijiet differenti tal-persuni b'diżabilità ħalli huma ukoll ikollhom l-opportunità li jkunu infurmati. B'xorti ħażina, il-biċċa l-kbira ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma jidhirx li qed jiġu segwiti.

5 KAPITLU

# l-aċċess fiżiku

## 1. L-AĊĊESSIBILITÀ FIŻIKA GĦAL KULĦADD

1. Matul is-sena 2006, il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex il-prinċipji ta' l-Aċċessibilità għal Kulħadd jitpoġġew fil-prattika. Il-ħidma tagħha f'dan is-settur tinqasam fi tlieta:
- l-applikazzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs (li ġiet diskussa fir-Rapport Annwali li l-Kummissjoni toħroġ kull sena);
- l-ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp f'isem l-Awtorità Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA);
- konsulenza u attivitajiet oħra.

2. Matul din is-sena, il-Kummissjoni kompliet tivvettja applikazzjonijiet għall-iżvilupp li jsiru lill-MEPA għal bini miftuħ għall-pubbliku u li hu ta' użu maġġuri. L-istatistika dwar dan is-servizz tinstab f'Tabella 8.

3. Din l-istatistika turi li dan is-servizz matul din is-sena kellu żieda qawwija ta' madwar 40% fl-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni vvettjat. Il-livell ta' applikazzjonijiet irrakkomandati, ukoll jekk b'ċerti kundizzjonijiet, u li diġà kien wieħed baxx (44%), kompla jonqos b'9% għal 35% ta' l-applikazzjonijiet ivvettjati.

4. Il-Kummissjoni tagħmel spezzjonijiet biex il-MEPA toħroġ il-Clearance/Compliance Certificate biex ikun jista' jingħata d-dawl u l-ilma lill-applikanti. Matul din is-sena, il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward tinstab miġbura f'Tabella 9.

5. Għal darb'oħra, il-Kummissjoni tħoss li ċ-ċifri ta' din it-tabella huma preokkupanti ħafna. Hu minnu li n-numru ta' binjiet (51) ivvettjati mill-Kummissjoni għal dan iċ-ċertifikat juri żieda fuq dak tas-sena l-oħra. Però xorta dan in-numru għadu baxx ħafna meta tqabblu maċ-ċifri ta' applikazzjonijiet ġodda li l-Kummissjoni vvettjat (741). Dan jikkostitwixxi biss 7% tal-pjanti kollha li l-Kummissjoni vvettjat. Punt pożittiv hu li n-numru ta' binjiet li ġew rakkomandati juri żieda marġinali ta' 8%.

6. ACCESS FOR ALL - DESIGN GUIDELINES
- Matul din is-sena l-Kummissjoni, bil-kollaborazzjoni tal-Kamra tal-Periti u permezz ta' fondi mill-Programm Komunitarju ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni, qassmet il-Ktieb

## TABELLA 8 | IVVETTJAR TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-IŻVILUPP

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 531 | 741 |
| Rakkomandati b'kundizzjonijiet | 233 (44%) | 259 (35%) |
| Mhux rakkomandati | 232 (44%) | 387 (52%) |
| Tlabna aktar informazzjoni | 47 (9%) | 83 (11%) |
| Pendenti | 19 (4%) | 12 (2%) |

## TABELLA 9 | IVVETTJAR GĦAL CLEARANCE/ COMPLIANCE CERTIFICATE

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 41 | 59 |
| Rakkomandati b'kundizzjonijiet | 21 (51%) | 35 (59%) |
| Mhux rakkomandati | 16 (39%) | 23 (39%) |
| Pendenti | 4 (10%) | 1 (2%) |

'Access for All - Design Guidelines' lill-periti kollha membri ta' din il-Kamra.

- Il-Kummissjoni wkoll organizzat żewġ laqgħat dwar dan is-suġġett u din il-pubblikazzjoni f'Għawdex. Waħda kienet intiża għall-periti Għawdxin u l-oħra għas-sindki Għawdxin. L-għan ta' dawn il-laqgħat kien li l-Kummissjoni tippreżenta dan il-ktieb u anke tiddiskuti magħhom il-proċess ta' l-ivvettjar ta' pjanti li jiġu sottomessi lill-Kummissjoni mill-MEPA. Waqt li l-attendenza għal-laqgħa tal-periti kienet waħda baxxa ħafna, għal dik tas-sindki tista' tgħid li l-kunsilli lokali Għawdxin kollha kienu rappreżentati.

### 7. L-ISTALLAZZJONI TA' LIFTIJIET MINN ENTITAJIET VOLONTARJI JEW NEGOZJI ŻGĦAR

Fil-bidu tas-sena 2006 il-Ministeru tal-Finanzi, bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni, nieda l-iskema li permezz tagħha tingħata lura l-VAT fuq l-istallazzjoni ta' liftijiet minn entitajiet volontarji jew negozji żgħar. Din l-iskema kienet tħabbret fil-baġit għal din is-sena. Hu ttamat li permezz ta' din l-iskema aktar bini miftuħ għall-pubbliku jkun aċċessibbli għal kulħadd.

## TABELLA 10 | BLUE STICKER

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 824 | 814 |
| Rakkomandati Blue Sticker Permanenti | 806 | 504 |
| Rakkomandati Blue Sticker Temporanju | - | 111 |
| Mhux rakkomandati | 18 | 119 |
| Ma attendewx għall-appuntament tat-tabib | - | 68 |
| Pendenti | - | 12 |
| Numru ta' persuni li ġeddew il-Blue Sticker | 454 | 174 |
| Blue Stickers irtirati | 306 | 393 |
| **Total ta' Persuni li għandhom il-Blue Sticker** | **4,659** | **4,881** |

## 2. IS-SERVIZZ TAL-BLUE STICKER

1. Il-Kummissjoni kompliet ukoll tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex persuni b'diżabilità li għandhom nuqqas ta' mobilità jkollhom is-servizz tal-Blue Sticker. Dan il-benefiċċju primarjament jintitola persuni b'diżabilità b'nuqqas ta' mobilità biex jipparkjaw f'postijiet riservati għalihom f'parkeġġi pubbliċi.

2. Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni f'dan il-qasam ħadmet skond ma jidher f'Tabella 10.

3. Fir-rapport annwali tas-sena l-oħra, il-Kummissjoni rrappurtat żieda qawwija ħafna ta' 75% fl-applikazzjonijiet għal dan is-servizz. Il-Kummissjoni ħasset li din iż-żieda ma kinitx waħda sostenibbli u għalhekk matul l-2006, il-Kummissjoni ħadet żewġ miżuri biex tassigura li dan is-servizz jieħdu minn tassew għandu bżonnu. Għalhekk:
   - l-applikazzjonijiet kollha għal dan is-servizz bdew jiġu vvettjati mit-tabib tal-Kummissjoni;
   - il-Blue Stickers (flimkien mal-Karta ta' l-Identità Speċjali) tal-persuni li jmutu bdew jinġabru mill-Kummissjoni. Dawk li jonqsu li jirritornawhom qed jiġu rrappurtati lill-Kummissarju tal-Pulizija li joħroġ dan id-dokument.

4. Iċ-ċifri ta' Tabella 10 juru li dawn il-miżuri bdew jagħtu l-frott mixtieq. Minkejja li n-numru ta' applikazzjoniet baqa' fl-istess livell tas-sena l-oħra, in-numru ta' Blue Stickers li ħarġu matul din is-sena hu madwar 24% anqas minn dak tas-sena l-oħra. Mhux biss, imma 18% minnhom (111) huma Blue Stickers temporanji, li jfisser li dawn se jerġgħu jiġu riveduti. In-numru ta' Blue Stickers irtirati żdied b'mod sostanzjali (28%). Għalkemm in-numru totali ta' Blue Stickers żdied b'222, din iċ-ċifra hi ferm anqas minn tas-sena l-oħra, li kienet ta' 400 Blue Sticker.

5. Biex tkun tista' tieħu dawn l-inizjattivi, il-Kummissjoni kellha ddaħħal tariffa żgħira fuq dan is-servizz.

## 3. IL-PARKEĠĠI RISERVATI

1. Is-Servizz ta' Parkeġġi Riservati quddiem residenti ta' persuni b'diżabilità li għandhom nuqqas sever ta' mobilità jingħata mill-Awtorità dwar it-Trasport skond kriterji miftiehma mal-Kummissjoni. Matul din is-sena, l-Awtorità ressqet proposta quddiem il-Kummissjoni biex dawn il-parkeġġi jibdew jintużaw mill-persuni b'diżabilità kollha li jkollhom il-Blue Sticker. B'hekk isir użu aħjar minn dawn il-parkeġġi minħabba li ħafna minnhom kienu qed ikunu vojta għal ħinijiet twal. Għall-ewwel il-Kummissjoni qablet ma' din il-proposta b'ċerti kundizzjonijiet, però wara li kien hemm diversi lmenti, il-Kummissjoni rrevediet il-pożizzjoni tagħha u rrakkomandat lill-Awtorità li dawn il-parkeġġi jintużaw biss minn min ikun applika għalihom.

2. Il-Kummissjoni bi ftehim ma' l-Awtorità tamministra r-Review Panel għal dan is-servizz. Dan il-Panel hu kompost minn rappreżentant ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li jaġixxi ta' Ċermen u rappreżentanti tal-Kummissjoni, ta' l-Awtorità dwar it-Trasport u tad-Diviżjoni tas-Saħħa bħala membri. Dan il-panel għandu l-inkarigu li jirrevedi deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-Awtorità u li ma jkunx hemm qbil dwarhom mill-applikant jew mill-kunsill lokali konċernat.

### TABELLA 11 | REVIEW PANEL TAR-RESERVED PARKING

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| Talbiet eżaminati | 77 | 27 |
| Konfermata l-ewwel deċiżjoni | 44 (57%) | 11 (41%) |
| Mibdula l-ewwel deċiżjoni | 31 (40%) | 16 (59%) |
| Pendenti | 2(3%) | 0 |

3. F'din is-sena, ir-Review Panel iffunzjona skond kif jidher f'Tabella 11.

4. Dan is-servizz amministrat mill-Kummissjoni matul din is-sena kellu tnaqqis sostanzjali ta' madwar 65% fit-talbiet eżaminati minn dan il-Panel. Minnaħa l-oħra n-numru ta' talbiet li fihom inbidlet l-ewwel deċiżjoni hu wieħed sostanzjali u jitla' għal 59%.

## 4. L-EŻENZJONI MIT-TAXXA TAR-REĠISTRAZZJONI

1. Il-Kummissjoni kompliet tagħmel rakkomandazzjonijiet biex il-Ministeru tal-Finanzi jeżenta persuni b'diżabilità (u f'ċerti ċirkustanzi membri tal-familja tagħhom) mit-taxxa tar-reġistrazzjoni u/jew dazju fuq karozzi li jkollhom bżonn. Statistika dwar dan is-servizz tinstab f'Tabella 12.

2. Il-Kummissjoni kompliet bil-proċedura li tirreferi r-rakkomandazzjoni lill-Ministeru tal-Finanzi għall-approvazzjoni tiegħu wara li l-applikant jipproduċi prova li hu jkun se jixtri l-karozza. In-numru ta' applikanti (11) li għad ma għamlux użu minn din l-eżenzjoni hu wieħed baxx u jindika li din il-proċedura qed taħdem.

3. Iċ-ċifri għal dan is-servizz juru li stabilixxew ruħhom u kien hemm biss tnaqqis żgħir ta' kważi 5% fin-numru ta' benefiċarji minn dak tas-sena l-oħra.

4. Dan is-servizz hu wieħed ikkumplikat ħafna. Il-Kummissjoni talbet lill-Ministeru tal-Finanzi biex jissimplifika din il-proċedura billi ċ-ċertifikazzjoni neċessarja tibda ssir minn uffiċjali professjonali tal-Kummissjoni. Din it-talba ntlaqgħet u s-sena d-dieħla l-Kummissjoni se tibda tħaddem din il-proċedura ġdida.

### TABELLA 12 | EŻENZJONI MIT-TAXXA TAR-REĠISTRAZZJONI

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 181 | 180 |
| Rakkomandati mill-OHU | 157 (87%) | 149 (83%) |
| Mhux rakkomandati mill-OHU | 9 (5%) | 12 (7%) |
| Għad ma għamlux użu mill-eżenzjoni | 9 (5%) | 11(6%) |
| Applikazzjonijiet pendenti | 6 (3%)* | 8 (4%)* |

* Dawn qed jistennew ir-rapport mediku ta' l-Occupational Health Unit (OHU) tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

### TABELLA 13 | EŻENZJONI MILL-ĦLAS TAL-LIĊENZJA TAT-TRIQ

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 104 | 113 |
| Rakkomandati | 80 (77%) | 86 (76%) |
| Mhux eliġibbli | 14 (13%) | 14 (12%) |
| Għad ma għamlux użu mill-eżenzjoni | 6 (6%) | 6 (5%) |
| Applikazzjonijiet pendenti | 4 (4%)* | 7 (6%)* |

* Dawn qed jistennew ir-rapport mediku ta' l-Occupational Health Unit (OHU) tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

## 5. L-EŻENZJONI MILL-ĦLAS TAL-LIĊENZJA TAT-TRIQ

1. Il-Kummissjoni kompliet tagħmel rakkomandazzjonijiet lid-Dipartiment tal-Liċenzji biex sewwieqa li għandhom diżabilità skond l-Att tas-Sigurta' Soċjali (1987) jew li għandhom vettura modifikata minħabba d-diżabilità tagħhom, jiġu eżentati mill-ħlas tal-Liċenzja tat-Triq. L-istatistika għas-sena 2006 fir-rigward ta' dan is-servizz tinstab f'Tabella 13.

2. Dan is-servizz irreġistra żieda ta' 9% fuq l-applikazzjonijiet u 8% fin-numru ta' benefiċarji fuq dawk tas-sena ta' qabel.

## 6. TRASPORT AĊĊESSIBBLI

1. Mis-sena l-oħra, il-Kummissjoni laħqet ftehim mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care biex din il-Fondazzjoni tibda tipprovdi servizz ta' trasport individwalizzat lill-persuni b'diżabilità li għandhom bżonn dan is-servizz. Il-Kummissjoni, permezz ta' l-NGO Liasion Committee tal-Ministeru tal-Familja, bdiet tgħaddi l-fondi li hi vvutat għal dan is-servizz lil din il-Fondazzjoni.

   Fil-passat din il-ħidma kienet isir mal-Fondazzjoni Trasport Ħajja Indipendenti li l-Kummissjoni kienet waqqfet flimkien mal-Fondazzjoni Ħajja Indipendenti. Il-Kummissjoni matul din is-sena ħadmet biex din il-Fondazzjoni tingħalaq għal kollox.

2. Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet dwar l-Iskema Park and Ride mal-Ministeru ta' l-Informazzjoni u t-Teknoloġija ta' l-Informatika. Intlaħaq ftehim li
a) Il-ħaddiema b'diżabilità li jaħdmu l-Belt jiġu eżentati mit-tariffa biex tipparkja l-Belt;
b) Li l-persuni b'diżabilità li kienu intitolati biex ma jħallsux it-tariffa li tintitolahom jidħlu l-Belt ikollhom benefiċċju ekwivalenti fis-sistema l-ġdida.

KAPITLU 6

# l-aċċess għall-informazzjoni

## 1. KOLLABORAZZJONI MAL-FONDAZZJONI AĊĊESSIBILITÀ GĦALL-INFORMATIKA (FITA)

1. Fl-1998, il-Kummissjoni u l-MITTS ingħaqdu flimkien biex titwaqqaf il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika (FITA) bil-għan primarju li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess sħiħ għall-informatika. Il-Kummissjoni kompliet tagħti s-sapport sħiħ tagħha lil din il-Fondazzjoni, fosthom billi tinnomina żewġ persuni biex ikunu fuq il-bord tat-tmexxija ta' din il-Fondazzjoni.

2. Matul din is-sena kompliet il-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni mal-FITA billi:

- tkompliet tiġi żviluppata t-taqsima ta' kotba, rivisti u CDs fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Kummissjoni fuq dan is-suġġett biex dawn ikunu jistgħu jintużaw minn dawk kollha interessati;
- tkompla jitħaddem il-ftehim mal-Community Chest Fund biex persuni b'diżabilità jingħataw assistenza finanzjarja biex huma jkunu jistgħu jixtru kompjuter;
- ħaddmu flimkien is-servizz li bih numru ta' persuni b'diżabilità jibbenefikaw mill-Websave u għajnuna finanzjarja mill-Go Mobile.

3. Il-Kummissjoni flimkien mal-FITA qed taħdem biex iċ-Ċentri tal-Kompjuters fil-komunità, li qed jitwaqqfu bis-sapport tal-Ministeru ta' l-Informazzjoni u t-Teknoloġija ta' l-Informatika, ikunu aċċessibbli għal kulħadd kemm f'dak li hu apparat kif ukoll fil-bini fejn ikunu. S'issa nfetħu 4 minn dawn iċ-Ċentri imma l-ebda wieħed minnhom m'għandu l-apparat meħtieġ biex persuni b'diżabilitajiet differenti jkunu jistgħu jaċċessawhom. Barra minn hekk, tnejn minn dawn iċ-Ċentri, dawk ta' l-UĦM u tal-Fondazzjoni Richmond, jinsabu f'bini li mhux aċċessibbli għal kulħadd, b'mod speċjali għal persuni li għandhom nuqqas ta' mobilità.

7

KAPITLU

# l-edukazzjoni

## 1. REVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA U SPEĊJALI

Il-Kummissjoni kompliet tagħti s-sapport kollu tagħha fl-implimentazzjoni tar-rapport Spiteri dwar ir-Reviżjoni ta' l-Edukazzjoni Speċjali u Inklużiva. Dan sar l-aktar permezz ta' ħidma mill-qrib mal-koordinatur, is-Sur George Borg, li għandu l-inkarigu li jimplimenta r-rakkomandazzjoniet ta' dan ir-rapport. Din il-ħidma issa tista' tkun aktar effettiva billi s-sur Borg inħatar ukoll membru tal-Kummissjoni.

Wieħed mill-oqsma fejn din il-kollaborazzjoni qed tkun effettiva hi fit-taħriġ kemm tal-facilitators kif ukoll ta' l-Inclusive Co-ordinators. Il-Kummissjoni qed tagħti s-sehem tagħha kemm fit-taħriġ kif ukoll bit-tfassil ta' dan it-taħriġ.

## 2. L-ISTATEMENTING MODERATING PANEL U L-BORD TA' L-APPELLI

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni reġa' ħatar l-iStatementing Moderating Panel u l-Bord ta' l-Appelli skond kif hemm indikat fid-dokument tal-politika "Inclusive Education - Support to Students with Disability". Il-Kummissjoni qed tagħti sehemha f'dan l-eżerċizzju permezz tar-rappreżentant tagħha, iċ-Ċermen tal-Kummissjoni, li hu membru tal-Bord ta' l-Appelli. L-għan aħħari ta' din il-politika u ta' dawn l-entitajiet hu li kull student b'diżabilità jkollu programm individwali edukattiv skond il-bżonnijiet individwali tiegħu jew tagħha.

## 3. L-GĦOTI TAL-MEDIĊINA FL-ISKEJJEL REGOLARI

Waħda mill-problemi serji li qed jiffaċċjaw numru ta' ġenituri ta' studenti b'diżabilità li jattendu skejjel regolari hi l-għoti tal-mediċina li jkollhom bżonn. Ħafna drabi l-ġenituri qed ikollhom imorru huma stess kuljum biex jagħtu din il-mediċina lil uliedhom jew inkella dawn l-istudenti qed ikollhom jibqgħu mingħajr din il-mediċina ħafna drabi b'detriment għall-edukazzjoni tagħhom. Dan kollu qed isir minkejja li ħafna minn dawn l-istudenti għandhom facilitator full-time magħhom. Il-Kummissjoni fehmet li din hi problema komplessa u aċċettat li tieħu sehem permezz taċ-Ċermen, is-Sur Joe Camilleri, fi grupp

ta' ħidma biex jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru. Fl-aħħar tas-sena l-oħra dan il-grupp iffinalizza r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu u ppreżentahom lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

Minkejja li għaddiet sena u minkejja li l-Kummissjoni għamlet diversi rappreżentazzjonijiet biex ikun hemm progress f'din il-kwistjoni, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda proposta mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni għajr li hu talab il-parir ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika fuq uħud minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni tħoss li issa għadda żmien biżżejjed biex din il-problema tiġi solvuta u għalhekk se jkollha tirrikorri għal azzjonijiet legali.

## **4.** L-UNIVERSITÀ

1. Il-Kummissjoni kompliet iżżomm kuntatt mill-qrib ħafna ma' l-awtoritajiet ta' l-Università biex tassigura li l-awtoritajiet u l-istudenti universitarji jagħrfu l-kwistjonijiet marbuta mal-persuni b'diżabilità. Dan il-kuntatt seta' jsir b'mod aktar dirett minħabba li s-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD, hu wkoll membru tas-Senat ta' l-Università.

2. Il-Kummissjoni, sa mit-twaqqif tagħha, tat sehemha permezz taċ-Ċermen tagħha fl-iSpecial Needs Committee ta' l-Università. Madankollu l-Kummissjoni ħasset li ma kienx qed ikun hemm il-progress mixtieq u għalhekk talbet lir-Rettur il-ġdid ta' l-Università, il-Professur Juanito Camilleri, biex dan il-kumitat jiġi ristrutturat ħalli jkun aktar effettiv. Din it-talba ntlaqgħet u diġà ttieħdu dawn il-miżuri:

- iċ-Ċermen ta' dan il-Kumitat issa hi Dr Marianne Lauri, Pro-Rettur;
- l-isem ta' dan il-Kumitat se jinbidel għal Aċċess (Studenti b'Diżabilità);
- dan il-kumitat se jkun kemm tas-Senat kif ukoll tal-Kunsill ta' l-Università (u mhux tas-Senat biss kif kien qabel);
- twaqqfu numru ta' sottokumitati biex jeżaminaw fid-dettall għadd ta' oqsma partikulari, bħal ma huma l-aċċess fiżiku u l-arranġamenti speċjali għall-eżamijiet.

Il-Kummissjoni, bħal ma għamlet fil-passat, se tkompli tagħti sehemha f'din il-ħidma l-aktar permezz tal-parteċipazzjoni diretta taċ-Ċermen tagħha f'dan il-kumitat u f'uħud mis-sottokumitati.

## **5.** WARA S-SITTAX-IL SENA

Il-Kummissjoni diversi drabi wriet il-preokkupazzjoni tagħha li numru ta' studenti b'diżabilità qed jispiċċaw l-iskola sekondarja mingħajr ma jkollhom post fejn ikunu jistgħu jkomplu l-edukazzjoni tagħhom bħal studenti oħrajn. L-unika għażla li ġiet offruta lil dawn l-istudenti kienet li jibdew jattendu skola speċjali. Il-Kummissjoni qatt ma qablet ma' din is-sitwazzjoni. Għaldaqstant il-Kummissjoni kellha diversi laqgħat dwar din il-problema kemm mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Louis Galea, kif ukoll ma' uffiċjali għolja ta' l-MCAST u ta' l-ETC. Jidher li l-Ministeru għandu proposti konkreti u hu ttamat li dawn jimmaterjalizzaw fis-sena 2007.

## **6.** PROĠETT PILOTA FL-ISKOLA SEKONDARJA MARIJA ASSUNTA

Il-Kummissjoni kompliet tagħti sehemha fil-proġett pilota li nbeda matul l-2004 ma' l-iskola sekondarja Marija Assunta ħalli l-istudenti b'diżabilità ta' din l-iskola jkollhom programm individwali edukattiv u biex il-facilitators li jaħdmu ma' dawn l-istudenti jkollhom is-sapport neċessarju ħalli huma jkunu jistgħu jimplimentaw dawn il-programmi. Din is-sena kienet l-aħħar sena ta' dan il-proġett li kellu s-sapport finanzjarju ta' l-HSBC Care for Children Fund. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tgħin biex dan il-proġett jitkompla.

KAPITLU 8

# is-servizzi għal adulti b'diżabilità

## 1. IL-QASAM TA' L-IMPJIEGI

1. Il-Korporazzjoni tax-XogĦol u t-TaĦriĠ
Il-Kummissjoni żammet kuntatt kontinwu mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ biex din tipprovdi servizzi speċjalizzati lill-persuni b'diżabilità kemm fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali kif ukoll f'dak ta' l-impjiegi, l-aktar permezz ta' laqgħat regolari mal-Kap Eżekuttiv ta' din il-Korporazzjoni, is-Sinj Sue Vella. Barra minn hekk, is-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-KNPD, hu direttur ta' din il-Korporazzjoni.

2. Smart City
Il-Kummissjoni għamlet il-proposti tagħha biex jiġi assigurat li l-pjanijiet kollha għall-iżvilupp ta' Smart City jieħu konsiderazzjoni sħiħa tal-kwistjonijiet marbuta ma' l-impjieg tal-persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni hi wkoll rappreżentata f'task force li qed tgħin fl-implimentazzjoni ta' dan l-iżvilupp.

3. ProĠetti dwar l-Impjiegi ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew
Il-Kummissjoni qed taħdem biex tressaq żewġ proġetti biex ikunu ffinanzjati mill-fondi allokati għal Malta mill-Fond Soċjali Ewropew. Wieħed minn dawn il-proġetti għandu l-għan li jkun hemm skema li tinkoraġġixxi l-impjieg ta' persuni b'diżabilità fuq il-linji rakkomandati fl-istudju li l-Kummissjoni kienet ikkummissjonat lis-sur Gordon Cordina.

## 2. SERVIZZI TA' MATUL IL-JUM

1. Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex is-Servizzi ta' Matul il-Jum għall-adulti b'diżabilità jimxu mill-Ministeru għall-Familja għal għand il-Fondazzjoni għal Servizzi Soċjali. Fl-aħħar baġit, il-fondi ta' dawn is-servizzi ġew inkorporati ma' dawk ta' l-aġenzija SAPPORT, li hi aġenzija ta' din il-Fondazzjoni. Barra minn hekk il-Fondazzjoni impjegat maniġer biex tamministra din il-bidla. Il-Kummissjoni kellha diversi laqgħat, fosthom mas-Sur Joe Gerada, Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni,

biex tgħin ħalli din it-tranżizzjoni titwettaq bl-inqas problemi possibbli u fl-iqsar żmien possibbli.

2. Il-Kummissjoni reġgħet għamlet it-talba tagħha biex fil-baġit tas-sena 2007, dawn is-servizzi jkollhom il-fondi neċessarji ħalli:
- ikollhom struttura maniġerjali adegwata;
- ikun hemm titjib fis-servizzi, l-aktar permezz ta' taħriġ lill-ħaddiema u l-ingaġġ ta' professjonisti;
- dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli għal kull min għandu bżonnhom, jiġifieri li ma jkunx hemm lista ta' stennija.

B'xorti ħażina, il-fondi għal dawn is-servizzi għas-sena 2007 baqgħu l-istess bħal tas-sena ta' qabel.

3. Il-Kummissjoni kellha diversi lmenti li persuni b'diżabilità, l-aktar dawk li kienu se jispiċċaw mill-iskejjel speċjali, ma kinux jafu jekk kinux se jingħataw is-servizz ta' matul il-jum li għandhom bżonn. Wara diversi interventi tal-Kummissjoni din is-sena d-deċiżjoni li huma jibdew jirċievu dan is-servizz ittieħdet kmieni u għalhekk it-tranżizzjoni setgħet issir aħjar.

4. Matul din is-sena, il-Kummissjoni daħlet fi ftehim mal-Fondazzjoni għal Servizzi Soċjali biex is-Sur Charles Borg, impjegat mal-Kummissjoni, jibda jaħdem bħala part-time instructor tal-Braille maċ-Ċentru tal-Persuni Għomja, fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali.

KAPITLU 9

# is-servizzi residenzjali

## 1. L-AĠENZIJA SAPPORT

1. Il-Kummissjoni kompliet tagħti s-sapport sħiħ lill-aġenzija SAPPORT fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali. Din l-aġenzija għandha r-responsabilità li tiżviluppa servizzi fil-komunità biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'darhom u, meta dan ma jkunx aktar possibbli, tipprovdilhom djar żgħar fil-komunità bis-sapport meħtieġ. Il-Kummissjoni tat is-sapport sħiħ lil din l-aġenzija billi:
- ħadmet u qed taħdem biex ikollha l-fondi li għandha bżonn;
- hi rappreżentata fuq il-Kumitat għall-Allokazzjoni tas-Servizzi, li hu l-kumitat li jeżamina t-talbiet għas-servizzi mogħtija minn din l-aġenzija.

2. Il-Kummissjoni temmen li din l-aġenzija m'għandhiex il-fondi neċessarji biex tipprovdi s-servizzi fil-komunità lil min għandu bżonnhom tant li hi issa għandha lista ta' stennija twila ġmielha. Il-Kummissjoni għamlet talba lill-Gvern biex għas-sena 2007, il-baġit ta' din l-aġenzija jiżdied b'mod sostanzjali. B'xorti ħażina din it-talba ma ntlaqgħetx.

3. Fid-diskors tal-baġit għas-sena 2007, il-Gvern alloka s-somma ta' Lm75,000 biex tinfetaħ Dar Pirotta f'Birkirkara biex toffri servizz residenzjali lil numru żgħir ta' persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni tagħti s-sapport kollu lil din l-inizjattiva.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-aġenzija SAPPORT u l-Isptar Monte Carmeli, ħejjew rapport biex numru ta' persuni b'diżabilità residenti f'dan l-isptar jimxu għal għand l-aġenzija SAPPORT. L-amministrazzjoni ta' dan l-isptar aċċettat li tgħaddi l-fondi li jkunu se jiġu ffrankati lill-aġenzija SAPPORT. Dawn il-fondi mhumiex biżżejjed biex din l-aġenzija tkun tista' tipprovdilhom servizz adegwat. Il-Kummissjoni għamlet talba biex il-Gvern jipprovdi l-fondi neċessarji ħalli dan il-proġett ikun jista' jitwettaq. Fil-preżent għadhom għaddejjin diskussjonijiet biex jinstabu dawn il-fondi.

## **2.** IL-QAFAS LEGALI

Is-sena l-oħra, il-Kummissjoni kienet temmet id-diskussjonijiet ma' rappreżentanti tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali dwar l-abbozz ta' liġi dwar il-Guardianship. Dan għandu l-għan li jtejjeb b'mod sostanzjali l-proċeduri legali użati biex persuni li ma jistgħux jamministraw ġidhom u ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom għal kollox ikollhom il-protezzjoni legali dwar min joffrilhom is-sapport li għandhom bżonn. Dan l-abbozz għadu qed jiġi studjat mill-uffiċċju ta' l-Avukat tar-Repubblika.

## **3.** L-ISKEMA TA' L-ASSISTENZA PERSONALI

1. Numru żgħir ta' persuni b'diżabilità qed jixtru s-servizz ta' Assistenti Personali minn persuni barranin. Għal dan il-għan dawn l-assistenti jkollhom bżonn permess tax-xogħol mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ. Wara ftehim bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet konċernati, ġie deċiż li dan il-permess jingħata jekk l-applikazzjoni tkun rakkomandata mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan il-Kummissjoni, wara li ssir żjara fid-djar ta' l-applikanti minn professjonista tagħha, tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji. Matul din is-sena, il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam tista' tinġabar fl-istatistika li hemm f'Tabella 14.
2. Dan is-servizz ukoll wera żieda żgħira ta' 11% fl-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni rċeviet għalih.

## **4.** IL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' RESPITE CARE

Il-Kummissjoni ngħaqdet ma' l-Għaqda Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità biex titwaqqaf il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care biex tipprovdi servizzi residenzjali għal żmien limitat lil persuni b'diżabilità u hekk toffri serħan għall-membri tal-familja li jkunu qed jieħdu ħsiebhom. Il-Kummissjoni matul is-snin kompliet tagħti l-appoġġ tagħha lil din l-inizjattiva b'mod partikolari billi tinnomina tliet membri fuq il-bord li jmexxi din il-fondazzjoni.

## **5.** TITJIB F'RESIDENZI TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ

L-Awtorità tad-Djar għandha skema li permezz tagħha tagħti assistenza finanzjarja biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jirranġaw ir-residenzi tagħhom skond il-bżonnijiet relatati mad-diżabilità tagħhom. Il-Kummissjoni hi rappreżentata fil-kumitat li jeżamina dawn it-talbiet permezz tal-maniġer li tmexxi s-Servizz Għajnuniet Speċjali.

**TABELLA 14**
SKEMA TA' ASSISTENZA PERSONALI

| | 2005 | 2006 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet ġodda | 32 | 36 |
| Rakkomandati | 27 (84%) | 32 (89%) |
| Mhux eliġibbli | 2 (6%) | 2 (6%) |
| Pendenti | 3 (9%) | 2 (6%) |

KAPITLU 10

# azzjoni fil-komunità

## 1. ĦIDMA SOĊJALI MAL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Il-Kummissjoni kompliet taħdem mat-taqsima ta' l-aġenzija SAPPORT li tipprovdi servizzi ta' ħidma soċjali ma' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Dan sar l-aktar billi l-Kummissjoni pprovdiet l-uffiċini li minnhom topera din it-taqsima fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera, u offritilha wkoll assistenza amministrattiva.

## 2. SUSSIDJU FUQ IL-POSTA LILL-GĦAQDIET VOLONTARJI

Il-Kummissjoni reġgħet allokat somma flus mill-fondi tagħha biex tissussidja l-posta ta' l-għaqdiet volontarji li jaħdmu fil-qasam tal-persuni b'diżabilità. Dan is-sussidju hu ta' nofs l-ispiża totali. Matul dan il-perjodu, il-għaqdiet li bbenefikaw minn dan is-servizz kienu:

- Down Syndrome Association
- Fond għar-Rijabilitazzjoni tal-Ħandikappati
- Fondazzjoni Arka
- Fondazzjoni Equal Partners
- Fondazzjoni Servizzi ta' Respite Care
- Għaqda Nazzjonali Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità
- Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ
- Grupp tal-Persuni bl-Epilessija (Caritas)
- Ħbieb Aġenzija SAPPORT
- Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità ta' l-Azzjoni Kattolika.

## 3. ĦIDMA MA' ORGANIZZAZZJONIJIET OĦRA

Il-Kummissjoni matul din is-sena ħadmet mill-qrib ma' diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi biex hi tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha. Ħafna minn din il-ħidma hi rappurtata f'taqsimiet oħra ta' dan ir-rapport. Ħafna drabi din il-ħidma tkun waħda informali u għalhekk mhix rappurtata. Il-ħidma saret ma' diversi entitajiet li jinkludu:

- Down Sydrome Association
- Il-Federazzjoni tal-Għaqdiet Persuni b'Diżabilità
- FOCAL - Kumitat Konsultattiv tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali
- Il-Fondazzjoni Klieb Gwida
- L-Għaqda Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità

- General Workers Union
- Il-gazzetti
- Il-Kummissarju tat-Tfal
- Il-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza
- Il-Kummissjoni tal-Familja
- Il-Kumitat tal-World Arthritis Day
- Il-Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilità
- L-istazzjonijiet tar-radju
- L-istazzjonijiet tat-televixin
- Media Consulta il-kumpanija li tieħu ħsieb il-Kampanja Le għad-Diskriminazzjoni
- Il-Mental Health Association
- Il-Kumitat tan-National Action Plan to Combat Discrimination.

KAPITLU 11

# it-taħriġ u r-riċerka

## 1. IL-KORS DWAR L-OQSMA TAD-DIŻABILITÀ

Il-Kummissjoni kompliet tagħmel sensiela ta' laqgħat dwar il-oqsma marbuta mad-diżabilità lil studenti universitarji u ħaddiema diversi bil-għan li dawn ikollhom għarfien usa' ta' dan il-qasam, l-aktar mill-aspett soċjali. Dawn il-laqgħat isiru primarjament minn persuni b'diżabilità nfushom. Il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hi miġbura f'Tabella 15.

2. In-numru ta' parteċipanti għal dawn il-laqgħat żdied sostanzjalment b'madwar 30%.

3. Din is-sena, il-Kummissjoni żiedet b'mod qawwi laqgħat simili għall-iskejjel sekondarji. Dan kien possibbli permezz tal-finanzjament mill-Programm fil-Komunità ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni. Dawn ukoll jinvolvu l-parteċipazzjoni attiva u diretta ta' persuni

**TABELLA 15** | LAQGĦAT DWAR L-OQSMA TAD-DIŻABILITÀ

| Klijent | Kors | L-Għadd ta' Parteċipanti |
|---|---|---|
| L-Università ta' Malta | Fakultà ta' l-Edukazzjoni | 289 |
| | Fakultà tal-Mediċina | 64 |
| | Social Work | 80 |
| | Institute of Health Care | 40 |
| Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Supply Facilitators | 320 |
| Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ | Support workers | 40 |
| | Child Carers | 82 |
| L-Akkademja tal-Pulizija | | 195 |
| HSBC | | 90 |
| **Total** | | **1,200** |

b'diżabilitajiet differenti. Il-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hi riflessa f'Tabella 16.

## 2. PEKTUR (IL-PROGRAMM EDUKAZZJONI KONTINWA, TAĦRIĠ U RIĊERKA)

1. Dan il-programm beda jaħdem matul l-1998 bil-għan li joffri għajnuna finanzjarja limitata fl-oqsma ta' l-edukazzjoni kontinwa, it-taħriġ u r-riċerka fil-qasam tad-diżabilità. Matul din is-sena, PEKTUR reġa' għamel żewġ sejħiet għal applikazzjonijiet għal taħriġ u riċerka fil-qasam tal-persuni b'diżabilità. Il-programm irċieva 7 talbiet u l-bord li jmexxi dan il-programm iddeċieda hekk:

- Persuna riedet tkompli bl-istudji tagħha fil-livell ta' Masters fil-qasam ta' l-edukazzjoni speċjali/inklużiva. Din it-talba ma setgħetx tintlaqa' minħabba li l-bord ħass li din ma kinitx taqa' taħt il-prijoritajiet tal-PEKTUR.
- Persuna riedet tkompli bl-istudji tagħha fil-livell post-terzjarju fil-qasam tad-diżabilità - B.Phil Interdisciplinary Approach to Learning Difficulties: Severe, Profound and Complex. Minħabba l-fatt li studju fuq diżabilità intellettwali huwa meqjus bħala prijorità mill-PEKTUR, din it-talba ntlaqgħet u ġiet approvata għajnuna ta' Lm300.
- Persuna b'diżabilità xtaqet iżżur fiera dwar l-informazzjoni teknoloġika għal persuni neqsin mid-dawl li kienet se ssir fir-Renju Unit. Din it-talba ma ntlaqgħetx minħabba li nħass li biex il-persuna tibbenefika minn din iż-żjara kien meħtieġ sfond tekniku, ħaġa li din il-persuna ma kellhiex.
- L-Għaqda Nazzjonali tal-Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità talbet għajnuna finanzjarja biex torganizza kors ta' taħriġ għal dawk li jassistu persuni b'diżabilità fid-djar tagħhom. Minħabba li dan it-taħriġ jinvolvi kemm support workers li jaħdmu f'dan il-qasam kif ukoll lill-ġenituri ta' persuni b'diżabilità, din it-talba ntlaqgħet u l-Għaqda ngħatat Lm400.
- L-Għaqda Nazzjonali tal-Ġenituri ta' Persuni b'Diżabilità talbet għajnuna finanzjarja b'konnessjoni ma' l-organizzazzjoni ta' kors ta' taħriġ għal support workers u nies volontarji li jaħdmu mal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Centre ta' Dar il-Kaptan. Il-Bord ikkunsidra li din l-applikazzjoni kellha ssir minn Dar il-Kaptan u mhux minn din l-Għaqda. Għalhekk din it-talba ma setgħetx tintlaqa'.
- L-ADHD Support Group talab għajnuna finanzjarja biex jorganizzaw seminar li għalih kellu jattendi professur barrani. Dan is-seminar hu għat- tobba u l-ġenituri ta' tfal li għandhom l-ADHD. Minħabba li kienu se jiġu involuti il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità, din it-talba ntlaqgħet u l-grupp ingħata s-somma ta' Lm200.
- Persuna b'diżabilità xtaqet tattendi l-konferenza bit-tema "Extending Accessibility to Next Generation Networks" li kienet se ssir fir-Renju Unit. Minħabba li din il-konferenza kienet tirrikjedi persuni li huma esperti tekniċi biex ikunu jistgħu jibbenefikaw tajjeb minnha, din it-talba ma ġietx aċċettata.
- Persuna applikat għal għajnuna finanzjarja biex tkompli l-istudji tagħha fil-livell terzjarju fil-qasam tar-riżorsi umani. Din l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata minħabba li ma kien hemm l-ebda relazzjoni ma' l-oqsma tad-diżabilità.
- L-Assoċjazzjoni Down Syndrome għamlet talba għal għajnuna finanzjarja biex jippubblikaw information pack għal ġenituri ta' trabi bid-Down Syndrome, kif ukoll biex jingħata taħriġ lil ġenituri li għandhom ulied bid-Down Syndrome f'counselling skills sabiex dawn ikunu jistgħu jissapportjaw ġenituri oħrajn. Din it-talba kienet meqjusa bħala inizjattiva tajba u għalhekk intlaqgħet u ngħatat is-somma ta' Lm400.

**TABELLA 16**
L-OQSMA TAD-DIŻABILITÀ - SKEJJEL

| Skola | Sigħat | Studenti |
|---|---|---|
| Primarja | 71 | 1,950 |
| Sekondarja | 56 | 2,765 |
| Post Sekondarja | 6 | 150 |
| Total | 133 | 4,865 |

2. Il-programm irċieva numru ta' talbiet biex persuni jattendu konferenzi barra minn Malta relatati mal-qasam tad-diżabilità. Hi policy ta' dan il-programm li ma jaċċettax talbiet bħal dawn sakemm ma jkunux qed ikopru spejjeż marbuta mad-diżabilità ta' persuna, ngħidu aħna l-ispejjeż ta' assistent personali.

## 3. RIĊERKA MILL-KUMMISSJONI

1. GĦodda biex Tkejjel kemm id-DiŻabilità hi Parti mill-Politika Regolari

Matul din is-sena, il-KNPD temmet il-ħidma tagħha fil-proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea li kellu l-għan li jistudja metodi kif il-qasam tad-diżabilità jista' jsir parti integrali mill-politika nazzjonali f'oqsma differenti, bl-Ingliż European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool (EDAMAT). Dan il-proġett kien ikkoordinat mill-organizzazzjoni Leonard Cheshire International. Barra Malta, f'dan il-proġett ħadu sehem ukoll organizzazzjonijiet mir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja, il-Marokk u l-Greċja. F'Malta dan il-proġett tmexxa mis-sinjuri Anne-Marie Callus mill-KNPD u Agnes Bezzina mill-aġenzija SAPPORT.

Il-ħidma li saret matul din is-sena fuq dan il-proġett kienet tikkonsisti fi:

- Il-preżentazzjoni tad-dokument finali f'Malta waqt seminar li sar fil-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità. Għal dan is-seminar attendew numru sabiħ ta' uffiċjali governattivi, l-unjins, il-Knisja u entitajiet mhux governattivi li ħafna minnhom taw il-veduti tagħhom kif dan id-dokument jista' jgħin fil-prattika biex il-qasam tad-diżabilità jiġi mainstreamed fil-politika regolari.
- Il-preżentazzjoni ta' dan id-dokument saret fi Brussell waqt seminar li għalih attendiet delegazzjoni Maltija li kienet tikkonsisti mis-Sinjuri George Borg, Agnes Bezzina, Anne-Marie Callus, Mariquinia Micallef, Marthese Mugliette u Mariella Venanzi Beck. Is-Sinj Venanzi Beck għamlet preżentazzjoni dwar dan id-dokument f'isem id-delegazzjoni Maltija.
- Saret it-traduzzjoni għall-Malti ta' dan id-dokument.
- Saret ukoll verżjoni faċli-biex-taqra ta' dan id-dokument (intiża l-aktar għal persuni li għandhom nuqqas intellettwali) u verżjoni text only (intiża l-aktar għal persuni li għandhom nuqqas ta' dawl).
- Sar it-tielet seminar ta' dan il-proġett f'Malta organizzat mill-Kummissjoni. Għal dan is-seminar attendew ir-rappreżentati ta' l-organizzazzjonijiet kollha li ħadu sehem f'dan il-progamm. Dawn ir-rappreżentanti wkoll kellhom laqgħa mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti Maltija, fil-Palazz, il-Belt. Waqt dan is-seminar, ġew spjegati l-għanijiet ta' dan il-proġett importanti għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.
- Saru diversi laqgħat tal-Project Advisory Group ta' Malta l-aktar biex ikun hemm feedback ta' dan id-dokument qabel dan ġie ffinalizzat.

Dan id-dokument bil-Malti, bl-Ingliż jew fuq CD bil-verżjonijiet kollha jista' jinkiseb mill-Kummissjoni. Il-verżjoni bil-Malti tinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

2. PRATTIĊI TAJBA BIEX IKUN HEMM AĊĊESS RAĠONEVOLI FL-AMBJENT MIBNI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Matul is-sena 2006, intemm dan il-proġett li kellu l-għan li jistabbilixxi kriterji li fuqhom jiġi stabilit x'inhu raġonevoli fejn jidħol aċċess fiżiku - Prattiċi Tajba biex ikun Hemm Aċċess Raġonevoli fl-Ambjent Mibni għall-Persuni b'Diżabilità. Dan il-proġett sar bejn l-universitajiet ta' Malta u Leeds, bil-parteċipazzjoni attiva tal-KNPD u tas-Centre for Disability Studies ta' l-Università ta' Leeds. Matul din is-sena, dan il-proġett ħadem hekk:

- Delegazzjoni tal-Kummissjoni komposta miċ-Ċermen, membri tal-Bord dwar x'Inhu Raġonevoli tal-Kummissjoni u periti tal-Kummissjoni attendew Research Seminar li sar fl-Università ta' Leeds;
- Sar l-aħħar seminar ta' dan il-proġett f'Malta fejn ġie ffinalizzat id-dokument finali.

Matul is-sena d-dieħla hu ppjanat li jiġi ppubblikat id-dokument finali.

3. ACĊESS GĦAL TAĦRIĠ PROFESSJONALI

Fl-2005, il-KNPD daħlet bħala sieħba fi proġett pilota Aċċess għal Taħriġ Professjonali, li hu maħsub sabiex persuni b'diżabilità jingħataw l-opportunità li jitħarrġu fl-livell terzjarju l-aktar fil-qasam tal-ħidma soċjali (social work). Dan il-proġett, li hu ffinanzjat mill-Programm Leonardo ta' l-Unjoni Ewropea, hu koordinat mill-Università De Montfort ta' Leicester, ir-Renju Unit. Fih qed jieħdu sehem ukoll il-Marie Curie Association tal-Bulgarija, is-Social Services Centre ta' Sliven, il-Bulgarija u d-Dipartiment tas-Social Work ta' l-Università ta' Malta. Il-proġett kompla matul din is-sena bis-Sinjuri Rosanne Fenech u Alison Grima, uffiċjali fis-segretarjat tal-Kummissjoni, jikkoordinaw il-ħidma ta' dan il-proġett min-naħa tal-Kummissjoni. Il-ħidma li saret mill-Kummissoni fuq dan il-proġett matul din is-sena kienet tikkonsisti minn:

- Laqgħa bejn ir-rappreżentanti kollha ta' l-organizzazzjonijiet li qed jieħdu sehem f'dan il-proġett fi Sliven, il-Bulgarija. Ir-rappreżentanti Maltin kienu s-Sinj Rosanne Fenech mill-Kummissjoni u Dr Charles Pace mill-Università ta' Malta.
- Diversi laqgħat tal-Bord Konsultattiv Malti ta' dan il-proġett.
- L-identifikazzjoni tal-persuni b'diżabilità li jixtiequ jieħdu dan il-kors, intervisti individwali ma' kull persuna b'diżabilità li applikat għal dan il-kors u l-identifikazzjoni tas-sapport individwali li dawn għandhom bżonn biex isegwu dan il-kors.
- It-taħriġ meħtieġ fil-mentoring lill-istudenti tat-tielet sena li qed isegwu kors tal-Ħidma Soċjali biex eventwalment uħud minnhom ikunu mentors ma' studenti b'diżabilità.
- Għajnuna fil-preparazzjoni ta' l-istudy units li qed isiru mill-Università ta' Malta u li hu ppjanat li jintużaw meta jingħata l-ewwel kors bejn Frar u April 2007.
- Saret ħidma biex tinstab electronic platform li tista' tiġi użata mill-istudenti tal-kors preparatorju għall-parti 'blended' tal-proġett.
- Saret ħidma preparatorja dwar l-attivitajiet ta' marketing għal dan il-proġett.

KAPITLU 12

# l-informazzjoni u l-edukazzjoni pubblika

## 1. IL-ĠIMGĦA TAL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

It-3 ta' Diċembru hu l-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità. Kull sena, il-Kummissjoni torganizza Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità għall-ħabta ta' din il-ġurnata bil-għan li tqajjem kuxjenza aktar pożittiva dwar dan is-settur. Barra li torganizza numru ta' attivitajiet, il-Kummissjoni tistieden organizzazzjonijiet oħra biex jorganizzaw attivitajiet biex jintlaħaq aktar dan il-għan.

It-tema magħżula mill-Kummissjoni għal din il-Ġimgħa kienet "Indaqs: Tajjeb Għalija, Tajjeb Għalik". Din is-sena, din il-Ġimgħa ġiet organizzata bejn is-27 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru 2006.

Ħafna mill-attivitajiet li l-Kummissjoni organizzat għal din il-Ġimgħa kienu sponsorjati mill-Programm tal-Komunità ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni. L-attivitajiet li l-Kummissjoni organizzat matul din il-Ġimgħa kienu:

1. KONFERENZA GĦALL-MIDJA KOLLHA BIEX TVARA L-ĠIMGĦA
   Il-Kummissjoni organizzat din il-konferenza fl-uffiċini tal-Kummissjoni biex tippreżenta lill-pubbliku:
   - Il-poster bit-tema ta' din il-Ġimgħa. Dan tqassam ma' Malta u Għawdex kollha biex jintwera f'postijiet pubbliċi.
   - Il-messaġġ maħsub għall-pubbliku ġenerali li l-Kummissjoni toħroġ għal din il-Ġimgħa.
   - Messaġġ ieħor, din id-darba maħsub għat-tfal, li ġie ċċirkulat ma' l-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex bil-għan li jinqara fil-Jum Internazzjonali jew f'ġurnata qrib.
   - Riklam qasir viżiv fuq it-tema tal-Ġimgħa biex jixxandar mill-istazzjonijiet kollha tat-televiżjoni matul din il-Ġimgħa.
   - Il-programm sħiħ ta' din il-Ġimgħa.

2. IL-PREŻENTAZZJONI TAR-RAPPORT ANNWALI DWAR IL-LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS
   Peress li l-Liġi Opportunitajiet Indaqs daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2000, il-Kummissjoni ta' kull sena toħroġ rapport li fih tippreżenta lill-pubbliku l-ħidma li hi tkun wettqet matul dik is-sena minn

Ottubru sa Settembru tas-sena ta' wara biex hekk il-pubbliku jkun jaf kif din il-Liġi qed tkun imħarsa. Ir-rapport għas-sena 2005/2006 ġie ppreżentat waqt konferenza għall-midja kollha mogħtija mis-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni u s-Sinj Marianne Debono, Maniġer tat-Taqsima Opportunitajiet Indaqs. L-Onor Marie Louise Coleiro Preca, kelliem ewlieni ta' l-Oppożizzjoni għas-Solidarjetà u l-Onor Louis Galea, Aġent, Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali taw ir-reazzjonijiet tagħhom għal dan ir-rapport waqt din l-istess konferenza. Kopja ta' dan ir-rapport bil-Malti, bl-Ingliż jew b'tipa kbira tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

3. KAMPANJA TA' GĦARFIEN FL-ISKEJJEL
Waqt din il-Ġimgħa, il-Kummissjoni tat ukoll bidu għal kampanja ta' għarfien fl-iskejjel li hi bi ħsiebha tagħmel matul is-sena d-dieħla u li se tkun iffinanzjata minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Sur Joe Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni flimkien mas-sinjuri Leon Sciberras u Alexia Mercieca, akkumpanjata mill-interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija, ippreżentaw il-messaġġ li l-Kummissjoni ħarġet għal din il-Ġimgħa lill-istudenti ta' l-Iskola Sekondarja Maria Assunta, il-Ħamrun. Waqt din l-attività saret introduzzjoni qasira mis-surmast ta' l-iskola, is-Sur Ray Vella.

4. LAQGĦA GĦALL-YOUTH LEADERS
Peress li l-Unjoni Ewropea għażlet it-tema taż-żgħażagħ għal Jum il-Persuni b'Diżabilità ta' din is-sena, il-Kummissjoni organizzat seminar għall-Youth Leaders bit-tema "Tajjeb Għalija, Tajjeb Għalik, Żgħażagħ". Il-kelliema ewlenin ta' dan is-seminar kienu s-Sinjuri Gordon Cardona, attivist żagħżugħ b'diżabilità u Daniela Debono, attivista żgħażugħa. Dan is-seminar kien organizzat bil-kollaborazzjoni tat-Taqsima Żgħażagħ tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

5. LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI TAL-FITA
Il-Ġnus Magħquda għażlet bħala tema tal-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità għal din is-sena l-informatika u l-persuni b'diżabilità. Għalhekk, il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità għall-Informatika (FITA) organizzat il-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħha waqt din il-Ġimgħa. F'din il-laqgħa ġie ppreżentat studju dwar il-qasam ta' l-informatika u l-persuni b'diżabilità f'Malta. Din il-laqgħa kienet ukoll indirizzata mill-Onor Leo Brincat, kelliem ta' l-Oppożizzjoni għal dan il-qasam.

6. IL-PREŻENTAZZJONI TAD-DOKUMENT EDAMAT
Il-Kummissjoni ppreżentat lill-pubbliku u lill-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet id-dokument EDAMAT li kien ir-riżultat ta' riċerka li l-Kummissjoni għamlet fi proġett ma' pajjiżi oħra Ewropej u li kien iffinanzjat minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Aktar dettalji dwar din il-laqgħa jinsabu fil-parti relevanti ta' dan ir-rapport.

7. MESSAĠĠ MINISTERJALI FUQ TVM MILL-MINISTRU DOLORES CRISTINA U S-SINJ MARIELLA VENANZI BECK
Kull sena, fil-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità, il-Ministru responsabbli minn dan is-settur jagħti messaġġ lill-pubbliku Malti minn fuq TVM flimkien ma' persuna b'diżabilità. Din is-sena l-Onor Dolores Cristina Ministru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali għamlet l-istess u tat il-messaġġ tagħha għal dan il-Jum flimkien mas-Sinj Mariella Venanzi Beck. Il-messaġġ kien ukoll interpretat bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

## 2. IL-KAMPANJA DRITT GĦAL GĦAŻLA

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità hi impenjata bis-sħiħ f'kampanja kontinwa biex ikun hemm kuxjenza u għarfien akbar kontra d-diskriminazzjoni minħabba diżabilità. Għal dan il-għan il-Kummissjoni ġabet fondi ta' l-Unjoni Ewropea

mill-Programm tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni. Din il-kampanja ta' għarfien għal din is-sena kellha t-tema: Dritt għal Għażla u kienet tikkonsisti f'dawn l-attivitajiet:

1. TAĦRIĠ GĦALL-KELLIEMA B'DIŻABILITÀ
Il-Kummissjoni tistieden numru ta' persuni b'diżabilitajiet differenti biex ikunu l-kelliema f'laqgħat ta' għarfien li hi kontinwament torganizza għall-istudenti universitarji, studenti oħra u ħaddiema. Dawn il-persuni huma stess għandhom bżonn ta' taħriġ biex dawn il-laqgħat iħallu l-frott mixtieq. Għal dan il-għan il-Kummissjoni organizzat tmiem il-ġimgħa ta' taħriġ bit-tema "Disability Equality Training of Trainers (DETOT)". F'dan it-tmiem il-ġimgħa, persuni b'diżabilità, ġenituri ta' tfal b'diżabilità u qraba ta' persuni li għandhom diffikultajiet ta' saħħa mentali ltaqgħu biex flimkien jiddiskutu dak li l-aktar jikkonċernahom u biex ifasslu preżentazzjonijiet li jkunu jistgħu jużaw waqt dawn il-laqgħat.

2. WORKING LUNCH GĦALL-UFFIĊJALI GĦOLJA TAS-SERVIZZ ĊIVILI
Saret laqgħa f'forma ta' working lunch għas-Segretarji Permanenti u d-Diretturi Ġenerali fis-Servizz Ċivili. F'din il-laqgħa saret preżentazzjoni ppreparata waqt it-tmiem il-ġimgħa ta' taħriġ li kien sar ftit qabel. Il-preżentazzjoni ffukat fuq il-mudell soċjali tad-diżabilità u d-diskussjoni tkompliet waqt l-ikel. Il-kelliema kellhom introduzzjoni mis-Sur Joe Camilleri u kienu s-sinjuri Tessa Anastasi, Dorianne Callus, Rita Borg, Marthese Deguara, Marica Gatt u Michael Micallef. Dawn il-kelliema kollha huma persuni b'diżabilità jew ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom u huma ppreżentaw il-ħsibijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom li huma jikkunsidraw bħala prijorità. Il-parteċipanti kienu mqassma fuq l-imwejjed b'mod li kien hemm bilanċ bejn rappreżentanti tas-Servizz Ċivili u persuni b'diżabilità sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru jafu aktar mill-qrib x'jista' jsir sabiex jitnaqqsu l-ostakli li l-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw biex ikollhom opportunitajiet indaqs. Din il-laqgħa ġiet indirizzata wkoll mis-Segretarju Permenanti Prinċipali fis-Servizz Ċivili, Dr Godwin Grima.

3. PUBBLIKAZZJONI 'TAJJEB MILL-BIDU'
Il-Kummissjoni ppubblikat dokument bl-isem "Tajjeb mill-Bidu (Kif Tagħti l-Aħbar)" li għandu l-għan li jgħin professjonisti meta huma jkollhom jagħtu l-aħbar li hemm diżabilità lil xi persuna jew lil ġenituri ta' tfal b'diżabilità. Dan id-dokument tfassal wara konsultazzjoni wiesgħa u ġie ppreżentat waqt seminar pubbliku. Dan is-seminar tmexxa mis-Sur Camilleri, Ċermen tal-Kummissjoni, waqt li d-dokument ġie ppreżentat mis-Sinj Vickie Gauci. Kien hemm interventi minn diversi professjonisti u persuni b'diżabilità. Is-seminar ingħalaq b'diskors mill-Onor Dr Louis Deguara, Ministru tas-Saħħa u l-Kura fil-Komunità.

Dan id-dokument tqassam lil diversi professjonisti fil-qasam mediku. Barra minn hekk dan id-dokument ġie ppubblikat bil-Malti u bl-Ingliż, fuq awdjo bil-Malti u jista' jinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

4. SISTEMA TAS-SINJALI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ INTELLETTWALI
Il-Kummissjoni, bil-kollaborazzjoni ta' l-iSpeech and Language Department tad-Dipartiment tas-Saħħa u l-iSpecial and Inclusive Network tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, ippubblikat il-Ktieb tas-Sinjali f'verżjoni stampata u verżjoni CD. Ta' l-ewwel fiha l-istampi ta' madwar 400 sinjal l-aktar użati waqt li l-istess sinjali jidhru kemm bħala stampi kif ukoll bħala videoclip fuq is-CD.

Din il-pubblikazzjoni ġiet ippreżentata waqt seminar li sar għal dan il-għan. Il-kelliema prinċipali għal dan is-seminar kienet Dr Nicola Grove mis-City University ta' Londra.

Dan id-dokument jista' jinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni waqt li d-diskors ta' Dr Grove u l-ktieb jinsabu wkoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

5. KAMPANJA PUBBLIĊITARJA DWAR IL-LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-Kummissjoni għamlet kampanja pubbliċitarja mal-midja kollha biex tqajjem kuxjenza akbar dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, li kienet tinkludi riklami fuq il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni (gazzetti, radju u televiżjoni). Il-qofol prinċipali ta' din il-kampanja kien il-pubblikazzjoni ta' ktejjeb informattiv bil-Malti dwar din il-Liġi u li jinkludi ittra kampjun kif tagħmel ilment. Dan il-ktejjeb ġie varat lill-pubbliku waqt laqgħa li saret għar-rappreżentanti tal-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu f'dan il-qasam. Dan il-ktejjeb jista' jinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni jew minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

6. IL-POLITIKA NAZZJONALI DWAR IS-SELF ADVOCACY GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ INTELLETTWALI

Is-sena l-oħra, il-Kummisjoni bdiet proċess biex tippubblika politika nazzjonali dwar is-self advocacy għal persuni b'diżabilità intellettwali. Dan il-proċess beda permezz ta' seminar konsultattiv li l-kelliem ewlieni tiegħu kien is-Sur Andrew Lee, Ċermen tal-People First li hi għaqda Britannika ta' persuni b'diżabilità intellettwali mmexxija minnhom stess bis-sapport meħtieġ. Matul l-2006, dan il-proċess tkompla billi saru laqgħat ta' konsultazzjoni ma'

- klijenti tas-Servizzi ta' Matul il-Jum;
- klijenti tas-servizzi residenzjali;
- klijenti ta' l-iskejjel speċjali;
- rappreżentati tal-Għaqdiet Mhux Goveranttivi li jaħdmu f'dan il-qasam; u
- klijenti Għawdxin.

Għal dawn il-laqgħat kienu mistiedna wkoll familjari ta' dawn il-persuni flimkien ma' persuni li jaħdmu magħhom.

Dan il-proċess intemm b'seminar li fih tnediet il-pubblikazzjoni tar-rapport tal-politika nazzjonali fuq is-Self-Advocacy tal-Persuni b'Diżabilità Intellettwali. Dan id-dokument jiġbor fih ukoll rapport ta' dak li ntqal waqt il-proċess ta' konsultazzjoni. Ġiet ippubblikata wkoll verżjoni bil-Malti ta' dan ir-rapport faċli-biex-taqra. Dawn id-dokumenti jistgħu jinkisbu mill-uffiċini u l-websajt tal-Kummissjoni.

7. ATTIVITAJIET PUBBLIĊI FIS-SAJF

Il-Kummissjoni organizzat żewġ attivitajiet pubbliċi fil-beraħ bit-tema "Flimkien", waħda fil-bajja ta' Marsalforn, Għawdex, u l-oħra f'Tas-Sliema. L-attivitajiet kienu jikkonsistu f'kant, żfin minn persuni b'diżabilità u bis-siġġu tar-roti, flimkien ma' tagħrif dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni ħadet ħsieb ukoll li waqt dawn l-attivitajiet tqassam letteratura li tippubblika dwar il-oqsma marbuta mal-persuni b'diżabilità.

8. IL-KODIĊI TAT-TRAFFIKU BIL-LINGWA TAS-SINJALI MALTIJA

Fuq talba tal-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ, il-Kummissjoni ħadmet biex il-Kodiċi tat-Traffiku jkun aċċessibbli għal kulħadd, fosthom persuni neqsin mis-smigħ, li l-ewwel lingwa tagħhom hi l-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Għalhekk din il-pubblikazzjoni ġiet riprodotta b'din il-Lingwa fuq numru ta' CDs. Kopji ta' dawn is-CDs jistgħu jinkisbu mimgħajr ħlas mill-uffiċini tal-Kummissjoni.

## 3. WEBSAJT

1. Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex il-websajt tagħha (www.knpd.org) tkun aġġornata l-aktar dwar il-ħidma tal-Kummissjoni u anke tassigura li din tkun aċċessibbli kollha kemm hi għal kulħadd.

**TABELLA 17** | WEBSAJT TAL-KUMMISSJONI

| | 2005 | 2006* |
|---|---|---|
| Viżitaturi ġodda | 323 | 558 |
| Viżitaturi ta' aktar minn darba | 1,165 | 544 |
| Paġni użati | 10,847 | 25,298 |

* Dawn iċ-ċifri huma approssimattivi minħabba li għall-aħħar xahrejn ta' din is-sena ma stajniex inġibu ċ-ċifri eżatti.

2. L-istatistika relatata mal-websajt għas-sena 2006 hi miġbura f'Tabella 17.

3. Dawn iċ-ċifri juru li l-websajt tal-Kummissjoni qed tintuża sostanzjalment. Kienu reġistrati żidiet qawwija fin-numru ta' viżitaturi ġodda (madwar 73%) u fin-numru ta' paġni użati (madwar 133%). Daqstant ieħor, in-numru ta' viżitaturi li għamlu użu minn din il-websajt aktar minn darba naqas wkoll b'madwar 53%.

## 4. IĊ-ĊENTRU TAR-RIŻORSI

1. Matul is-sena 2005, il-Kummissjoni kompliet tipprovdi s-servizz taċ-Ċentru tar-Riżorsi li jinsab fl-uffiċini tagħha fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Santa Venera. Dan iċ-Ċentru jkun miftuħ għall-pubbliku waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju u anke s-Sibt filgħodu.

2. Ir-riżorsi li għandu dan iċ-Ċentru u l-ħidma li wettaq matul is-sena 2006 hi dik li tinstab f'Tabella 18.

**TABELLA 18** | ĊENTRU TAR-RIŻORSI

| | Mislufa | Ġodda | Total |
|---|---|---|---|
| Kotba | 741 | 177 | 4,169 |
| Perjodiċi | 64 | 0 | 67* |
| Vidjos | 20 | 3 | 443 |
| Awdjokasetts | 4 | 2 | 121 |
| CDs | 31 | 13 | 84 |
| DVDs | 10 | 9 | 10 |
| Persuni li użaw iċ-Ċentru fl-2005 | | | 223 |
| Persuni reġistrati maċ-Ċentru | | | 1,277 |

* Il-Kummissjoni hi abbonata f'67 perjodiku differenti

3. Din is-sena, in-numru ta' persuni li għamlu użu minn dan iċ-Ċentru żdied sostanzjalment b'madwar 76% (minn 127 għal 223) biex issa laħaq iċ-ċifra medja.

4. Matul din is-sena, dan iċ-Ċentru ġie trasferit għal post fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali stess fejn hu aktar aċċessibbli għal kulħadd. Matul dan it-trasferiment, sar stocktaking tal-letteratura kollha li l-Kummissjoni għandha f'dan iċ-Ċentru.

## 5. IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI

Biex il-Kummissjoni tilħaq l-għanijiet tagħha ta' kull sena tippubblika diversi pubblikazzjonijiet. Dawn isiru, fil-maġġoranza tagħhom, bil-Malti u bl-Ingliż. Biex tassigura li jkunu aċċessibbli għal kulħadd, dawn id-dokumenti jsiru wkoll fuq awdjo u b'tipa kbira, primarjament għal persuni li għandhom nuqqas ta' vista. Il-Kummissjoni qed taħdem biex il-maġġoranza tad-dokumenti tagħha jsiru wkoll f'verżjoni faċli-biex-taqra primarjament għal persuni li għandhom nuqqas intellettwali kif ukoll bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija primarjament għal persuni b'nuqqas ta' smigħ. Dawn id-dokumenti fil-verżjonijiet kollha jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas mill-uffiċini tal-Kummissjoni. Il-verżjonijiet bil-Malti, bl-Ingliż u dik faċli-biex-taqra jitpoġġew kollha fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

1. PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA
   Matul din is-sena, il-Kummissjoni ppubblikat dawn il-pubblikazzjonijiet:

- Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u tipa kbira;
- Il-Policy Nazzjonali dwar is-Self Advocacy għall-Persuni b'Nuqqas Intellettwali - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u faċli-biex-taqra;
- Il-Ktieb tas-Sinjali - verżjoni stampata u CD;
- European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool (EDAMAT) - verżjoni stampata bl-Ingliż u bil-Malti u b'diversi formati fuq CD;
- Tajjeb mill-Bidu - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u b'tipa kbira;

## TABELLA 19 | PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI F'FORMAT DIFFERENTI

| | Malti | Ingliż | Faċli biex-Taqra | Awdjo | Lingwa tas-Sinjali | CD | Websajt | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | Malti | Ingliż |
| Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) | • | • | | • | | | • | • |
| Indaqs | • | • | | • | | | • | • |
| Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità | • | • | • | • | • | • | • | • |
| Access for All - Design Guidelines | | • | | | | | | • |
| Il-Ktieb tas-Sinjali | • | • | | | | • | • | • |
| Factsheet - Servizzi tal-Kummissjoni | • | • | • | • | | | • | • |
| Tajjeb mill-Bidu | • | • | | • | | | • | • |
| Policy Nazzjonali dwar is-Self Advocacy għall-Persuni b'Nuqqas Intellettwali | • | • | • | • | | | • | • |
| Rapport dwar is-Self Advocacy għall-Persuni b'Nuqqas Intellettwali | • | • | • | • | | | • | • |
| Seminar: Opportunitajiet Indaqs għall-Persuni b'Diżabilità: Pjan t'Azzjoni ta' l-UE | • | • | | • | | | • | • |
| Konferenza dwar id-Direttiva ta' l-UE għal trattament ugwali fl-Impjieg | • | • | | • | | | • | • |
| Rapport Annwali 2006 KNPD | • | • | | • | | | • | • |
| Rapport Annwali 2005/6 Liġi Opportunitajiet Indaqs | • | • | | • | | | • | • |
| Ktejjeb: Liġi Opportunitajiet Indaqs | • | | | • | | | • | |
| Fuljett dwar is-Self Advocacy | | | • | | | | • | |
| Fuljett fuq ir-Riċerka dwar dak li Jolqot l-Aktar lill-Persuni b'Diżabilità u l-Familji tagħhom | • | | | • | | | • | • |
| Klijenti b'Diżabilità u Inti | • | | | • | | | | |
| EDAMAT | • | • | | | | • | • | • |
| Kodiċi tat-Traffiku bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija | | | | | • | | | |

- Ktejjeb dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs - verżjoni bil-Malti, awdjo u tipa kbira;
- Il-Kodiċi tat-Traffiku bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija fuq CDs;
- Żewġ edizzjonijiet tan-newsletter INDAQS;
- Ir-Rapport Annwali dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs - Is-Sitt Edizzjoni (2005-2006);
- Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni għas-Sena 2005.

Dawn il-pubblikazzjonijiet, barra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni u tal-Liġi u n-newsletter Indaqs, ġew iffinanzjati minn fondi tal-Kampanja Dritt għal Għażla bħala parti mill-programm komunitarju ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni.

2. IL-KTIEB SERVIZZI U BENEFIĊĊJI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Fl-1989, il-Kummissjoni ħadet ħsieb tippubblika l-ewwel edizzjoni tal-ktieb "Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità". Din hi ġabra komprensiva tas-servizzi u benefiċċji kollha li pajjiżna joffri lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Barra l-informazzjoni, għal kull servizz jew benefiċċju jingħataw dettalji minn fejn wieħed jista' jġib aktar informazzjoni.

Minħabba li din l-informazzjoni tinbidel kontinwament, il-Kummissjoni ħadet ħsieb li taġġorna dan il-ktieb regolarment. Matul l-2006, il-Kummissjoni ppubblikat il-ħames edizzjoni ta' dan il-ktieb kemm fil-verżjoni Maltija u Ingliża kif ukoll fuq awdjo u b'tipa kbira. Qed issir il-ħidma neċessarja biex toħroġ il-verżjoni aġġornata faċli-biex-taqra u aktar tard dik bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Il-Kummissjoni tagħti kopja ta' dan il-ktieb lil kull persuna b'diżabilità li tirreġistra magħha. Barra minn hekk dan il-ktieb jista' jinkiseb mill-uffiċini tal-Kummissjoni u minn fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.knpd.org.

3. INDAQS

Il-Kummissjoni matul is-sena 2006 ippubblikat żewġ ħarġiet tan-newsletter tagħha "Indaqs", f'Mejju u f'Novembru. Din in-newsletter, b'ċirkolazzjoni ta' madwar 9,000 kopja, titqassam lill-persuni b'diżabilità kollha li huma reġistrati mal-Kummissjoni u lil dawk kollha involuti f'dan il-qasam. L-Indaqs tiġi wkoll ippubblikata bl-Ingliż, fuq awdjo bil-Malti u tinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

4. IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-KNPD F'MIDJA DIFFERENTI

Biex l-informazzjoni offruta mill-Kummissjoni tkun aċċessibbli għall-akbar għadd ta' persuni possibbli, il-pubblikazzjonijiet li saru matul din is-sena, flimkien ma' oħrajn li saru fis-snin ta' qabel, jistgħu jinkisbu mis-Segretarjat tal-Kummissjoni mingħajr ħlas skond kif jidher f'Tabella 19.

KAPITLU 13

# ħidma internazzjonali

## 1. IL-ĦIDMA MAL-ĠNUS MAGĦQUDA: KONVENZJONI INTERNAZZJONALI

Fil-qasam internazzjonali, is-sena 2006 tibqa' mfakkra l-aktar għax il-Ġnus Magħquda rnexxielha tfassal Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. Dan kien possibbli wara ħafna diskussjonijiet twal fil-Kwartieri tal-Ġnus Magħquda fi New York.

Il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea ftiehmu li jippreżentaw vuċi waħda waqt dawn id-diskussjonijiet. Għaldaqstant, qabel kull sessjoni ta' laqgħat li saru fi New York, l-Unjoni Ewropea organizzat laqgħa għall-pajjiżi membri biex titfassal il-pożizzjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'dawn id-diskussjonijiet.

Malta, permezz ta' rappreżentanti mill-Kummissjoni, ħadet sehem kważi fid-diskussjonijiet kollha li saru fuq il-livell Ewropew. Minħabba limitazzjoni ta' riżorsi kemm f'termini finanzjarji kif ukoll umani, il-Kummissjoni ma setgħetx tattendi għal-laqgħat li saru fi New York. Minħabba li matul din is-sena, id-diskussjonijiet kienu waslu fil-fażi finali, saret laqgħa waħda mill-Unjoni Ewropea, f'Helsinki, il-Fillandja, li għaliha attenda s-Sur Fred Bezzina, Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ttitama li Malta tkun minn ta' l-ewwel li tirratifika din il-Konvenzjoni u li dan l-istrument jgħin tassew biex jgħolli l-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom madwar id-dinja kollha.

## 2. IL-ĦIDMA MA' L-UNJONI EWROPEA

1. GRUPP TA' UFFIĊJALI GĦOLJA DWAR ID-DIŻABILITÀ
   L-Unjoni Ewropea għandha grupp ta' Uffiċjali Għolja dwar id-diżabilità mill-pajjiżi membri bil-għan li l-pajjiżi membri jkunu infurmati b'dak li qed isir f'dan il-qasam fuq il-livell Ewropew kif ukoll biex dawn l-uffiċjali jaqsmu l-ideat u l-esperjenzi tagħhom flimkien. Malta hi rappreżentata f'dan il-grupp permezz tal-Kummissjoni. Matul din is-sena dan il-grupp iltaqa' darbtejn fi Brussell u attenda s-Sur Fred Bezzina, Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni. Fost l-oħrajn, dan il-grupp iddiskuta dawn il-oqsma:

- Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità;

- Ir-Regolamenti Ġodda dwar l-Għajnuna mill-Istat;
- Il-Mainstreaming ta' l-Oqsma tad-Diżabilità;
- Il-Leġiżlazzjoni dwar is-Servizzi tat-Trasport u l-Persuni b'Diżabilità;
- Ir-Regolamenti Ġodda tal-Fond Soċjali Ewropew;
- Is-Servizzi Soċjali u l-Persuni b'Diżabilità;
- Il-Blue Sticker;
- Is-Sena Ewropea għal Opportunitajiet Indaqs;
- Il-Programm Progress.

2. IL-PROGRAMM TA' AZZJONI TAL-KOMUNITÀ BIEX TIĠĠIELED ID-DISKRIMINAZZJONI

Bħalma ġara fis-sentejn ta' qabel, il-Kummissjoni applikat b'suċċess biex ikollha fondi biex tagħmel kampanja ta' għarfien dwar id-diżabilità mifruxa fuq sena. Din is-sena l-fondi allokati kienu ta' 150,000 Ewro u t-tema magħżula għal din il-kampanja hi: "Indaqs: Tajjeb Għalija, Tajjeb Għalik". Għalhekk diversi attivitajiet maħsuba għas-sena d-dieħla, li hi wkoll is-Sena Ewropea għal Opportunitajiet Indaqs u l-20 Anninversarju mit-twaqqif tal-Kummissjoni, se jiġu ffinanzjati minn dawn il-fondi.

3. EUROPEAN DISABILITY FORUM

Il-Kummissjoni hi membru osservatur tal-European Disability Forum (EDF) li hi l-organizzazzjoni prinċipali fi ħdan l-Unjoni Ewropea f'dan is-settur. Permezz ta' dan il-forum, il-Kummissjoni żżomm ruħha aġġornata ma' dak li jkun qed jiġri fl-Ewropa f'dan il-qasam.

4. KONFERENZI EWROPEJ

Il-Kummissjoni tirċievi diversi stediniet, l-aktar dawk relatati ma' l-Unjoni Ewropea, biex tieħu sehem f'seminars, konferenzi u attivitajiet oħra barra minn Malta. Il-Kummissjoni taċċetta li tipparteċipa f'dawn l-attivitajiet skond il-mezzi finanzjarji u l-importanza tagħhom għax temmen li hi, il-persuni b'diżabilità, il-membri tal-familja u l-organizzazzjonijiet tagħhom, għandhom jibqgħu aġġornati f'dak li qed isir f'dan il-qasam kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Matul din is-sena, il-Kummissjoni pparteċipat f'dawn il-konferenzi:

- Iċ-Ċermen tal-Kummissjoni, Joe Camilleri, ġie mistieden biex jagħmel id-diskors prinċipali tal-konferenza annwali tad-Disability Studies Association li saret fl-Università ta' Lancaster. Id-diskors tas-Sur Camilleri kellu t-tema "The Genesis of Disability Studies in Malta: from a colonial past to an independent future" Dan id-diskors jinsab ukoll fuq il-websajt tal-Kummissjoni: www.kndp.org.
- Fuq nomina tal-KNPD, is-Sinj Maria Mercieca, żagħżugħa b'diżabilità, u l-assistenta personali tagħha pparteċipaw f'konferenza li saret fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità fi Brussell. Il-konferenza kellha t-tema "Youth=Future. Let's make an Equal Future for All".

5. SAPPORT LIL ENTITAJIET OĦRA

Il-Kummissjoni wkoll tat sapport lil entitajiet li jaħdmu f'dan il-qasam biex jibbenefikaw minn programmi ta' l-Unjoni Ewropea. Matul din is-sena, is-segretarjat tal-Kummissjoni għen f'dawn il-proġetti:

- F'Settembru 2006, il-Kummissjoni, flimkien mal-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ, organizzat kamp ta' taħriġ għal żgħażagħ neqsin mis-smigħ. Dan is-seminar kien iffinanzjat mill-Youth Programme ta' l-Unjoni Ewropea. Ħadu sehem fih parteċipanti mill-Fillandja, il-Ġermanja, il-Latvija, il-Polonja, ir-Rumanija, Malta u l-European Union of the Deaf Youth. L-għan ta' din l-attività kien li tinkoraġġixxi lill-parteċipanti jiżviluppaw sens pożittiv tagħhom infushom u jgħinhom jibnu perspettiva pożittiva lejn il-kwistjonijiet marbuta mal-persuni neqsin mis-smigħ. Il-kamp kien fih attivitajiet formali u informali li fihom il-parteċipanti ddiskutew diversi punti relatati mal-ħajja ta' persuni neqsin mis-smigħ. Kull organizzazzjoni spjegat is-servizzi li jeżistu għalihom f'pajjiżhom. Attività ewlenija ta' dan il-kamp kienet laqgħa ta' djalogu ma' l-Onor Dr Lawrence Gonzi, Prim Ministru ta' Malta. F'din il-laqgħa ħareġ ċar ħafna l-bżonn ta' aktar interpeti f'pajjiżna. Il-kamp indirizza wkoll il-bżonn li l-parteċipanti jiżviluppaw il-ħiliet personali tagħhom

biex hekk il-ħidma ta' l-organizzazzjonijiet tagħhom tkun aktar effettiva.

- Il-Kummissjoni għenet fil-ko-ordinazzjoni tal-proġett li qed isir mill-Kunsill Malti tal-Persuni b'Diżabilità biex issir żjara ta' studju minn membri tal-Grupp Flimkienaslu fir-Renju Unit. Il-Kunsill applika għal fondi mill-Programm Leonardo. Dan il-Grupp hu sottokumitat tal-Kunsill u hu magħmul minn persuni b'diżabilità intellettwali. Dawn qed jippjanaw li jżuru lill-People First Self-Advocacy Group f'Londra.
- Il-Kummissjoni assistiet biex il-FITA tapplika b'suċċess għal fondi mill-Programm Youth sabiex persuna b'diżabilità mill-Polonja tagħmel esperjenza ta' xogħol volontarju f'Malta ma' din il-Fondazzjoni fil-qasam ta' l-informatika.

APPENDIĊI

# statistika

## mir-reġistru nazzjonali tal-knpd

**TABELLA 20** | STATISTIKA SKOND L-ETÀ U S-SESS

| | | | | % | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Eta'** | **Nisa** | **Irġiel** | **Total** | **2006** | **2005** | **Differenza** |
| 0-4 | 37 | 58 | 95 | 0.98 | 0.99 | -0.01 |
| 5-9 | 89 | 157 | 246 | 2.55 | 2.69 | -0.14 |
| 10-14 | 147 | 184 | 331 | 3.43 | 3.43 | 0.00 |
| 15-19 | 127 | 198 | 325 | 3.36 | 3.42 | -0.06 |
| 20-24 | 133 | 223 | 356 | 3.68 | 3.85 | -0.17 |
| 25-29 | 162 | 241 | 403 | 4.17 | 4.21 | -0.04 |
| 30-34 | 166 | 206 | 372 | 3.85 | 3.81 | 0.04 |
| 35-39 | 159 | 205 | 364 | 3.77 | 3.71 | 0.06 |
| 40-44 | 163 | 237 | 400 | 4.14 | 4.68 | -0.54 |
| 45-49 | 239 | 344 | 583 | 6.03 | 5.89 | 0.14 |
| 50-54 | 252 | 362 | 614 | 6.35 | 6.44 | -0.09 |
| 55-59 | 309 | 439 | 748 | 7.74 | 7.88 | 0.14 |
| 60-64 | 277 | 442 | 719 | 7.44 | 6.79 | 0.65 |
| 65-69 | 308 | 420 | 728 | 7.53 | 7.14 | 0.39 |
| 70-74 | 399 | 412 | 811 | 8.39 | 8.15 | 0.24 |
| 75-79 | 464 | 385 | 849 | 8.79 | 9.11 | -0.32 |
| 80-84 | 557 | 414 | 971 | 10.05 | 8.43 | 1.62 |
| >85 | 384 | 309 | 693 | 7.17 | 8.76 | -1.59 |
| Mhux Magħruf | | | 55 | 0.57 | 0.61 | -0.04 |
| **Total** | **4372** | **5236** | **9663** | | | |

## GRAFIKA 1 | STATISTIKA SKOND L-ETÀ




## TABELLA 21 | STATISTIKA SKOND L-ETÀ MATUL IS-SNIN

| | 0-16 | | 17 - 5 | | 60+ | | Mhux Sp | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sena | No. | % | No. | % | No. | % | | |
| 1994 | 815 | 24.5 | 1839 | 55.2 | 651 | 19.5 | 25 | 3330 |
| 1999 | 1089 | 17.2 | 2961 | 46.7 | 2286 | 36.1 | 4 | 6340 |
| 2003 | 1260 | 16.6 | 3388 | 44.5 | 2962 | 38.9 | 0 | 7610 |
| 2005 | 764 | 8.4 | 3854 | 42.5 | 4388 | 48.4 | 57 | 9063 |
| 2006 | 807 | 8.4 | 4030 | 41.7 | 4771 | 49.4 | 55 | 9663 |

## GRAFIKA 2 | STATISTIKA SKOND L-ETÀ MATUL IS-SNIN



## TABELLA 22 | STATISTIKA SKOND IN-NUQQAS

| Tip ta' Nuqqas | Totali 2006 | Totali 2005 | % 2006 | % 2005 | Differenza |
|---|---|---|---|---|---|
| Fiżiku | 5953 | 5338 | 61.61 | 58.98 | 2.63 |
| Intellettwali | 1964 | 1895 | 20.32 | 20.91 | -0.59 |
| Psikoloġiku | 946 | 849 | 9.29 | 9.37 | -0.08 |
| Vista | 1129 | 1127 | 11.68 | 12.44 | -0.76 |
| Smigħ | 1025 | 986 | 10.61 | 10.88 | -0.27 |
| Aktar minn wieħed | 1881 | 1767 | 19.47 | 19.50 | -0.03 |
| Mhux Speċifikat | 1383 | 1484 | 14.31 | 16.37 | -2.06 |

Nota: It-totali huma akbar minħabba li hemm numru ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed

## GRAFIKA 3 | STATISTIKA SKOND IN-NUQQAS




## TABELLA 23
PREVALENZA TAD-DIŻABILITÀ MQABBLA MAL-POPOLAZZJONI

| Sena | Prevalenza (%) |
|---|---|
| 1994 | 0.9 |
| 1999 | 1.6 |
| 2003 | 1.9 |
| 2005 | 2.3 |
| 2006 | 2.4 |

## GRAFIKA 4 | PREVALENZA TAD-DIŻABILITÀ MQABBLA MAL-POPOLAZZJONI



## TABELLA 24 | STATISTIKA SKOND IN-NUQQAS U L-ETÀ

| Fiżiku | % | Psikoloġiku | % | Intellettwali | % | Nuqqas ta' Smigħ | % | Nuqqas ta' vista | % | Aktar minn Nuqqas wieħed | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | 0.67 | 19 | 2.02 | 55 | 2.81 | 7 | 0.69 | 2 | 0.18 | 36 | 1.92 |
| 104 | 1.75 | 41 | 4.36 | 118 | 6.03 | 29 | 2.84 | 21 | 1.87 | 63 | 3.36 |
| 130 | 2.19 | 46 | 4.89 | 163 | 8.33 | 33 | 3.24 | 27 | 2.40 | 79 | 4.21 |
| 139 | 2.34 | 54 | 5.74 | 160 | 8.18 | 39 | 3.82 | 27 | 2.40 | 81 | 4.32 |
| 153 | 2.57 | 52 | 5.53 | 162 | 8.28 | 45 | 4.41 | 37 | 3.29 | 91 | 4.85 |
| 157 | 2.64 | 56 | 5.95 | 162 | 8.28 | 50 | 4.90 | 42 | 3.74 | 83 | 4.42 |
| 160 | 2.69 | 56 | 5.95 | 138 | 7.06 | 41 | 4.02 | 44 | 3.91 | 85 | 4.53 |
| 180 | 3.03 | 48 | 5.10 | 132 | 6.75 | 25 | 2.45 | 29 | 2.58 | 59 | 3.14 |
| 204 | 3.43 | 55 | 5.84 | 110 | 5.62 | 47 | 4.61 | 45 | 4.00 | 85 | 4.53 |
| 319 | 5.36 | 74 | 7.86 | 136 | 6.95 | 54 | 5.29 | 74 | 6.58 | 114 | 6.08 |
| 374 | 6.29 | 80 | 8.50 | 101 | 5.16 | 58 | 5.69 | 55 | 4.89 | 99 | 5.28 |
| 503 | 8.46 | 81 | 8.61 | 130 | 6.65 | 65 | 6.37 | 84 | 7.47 | 137 | 7.30 |
| 507 | 8.52 | 53 | 5.63 | 79 | 4.04 | 57 | 5.59 | 91 | 8.10 | 110 | 5.86 |
| 553 | 9.30 | 45 | 4.78 | 60 | 3.07 | 49 | 4.80 | 80 | 7.12 | 100 | 5.33 |
| 622 | 10.46 | 39 | 4.14 | 59 | 3.02 | 75 | 7.35 | 76 | 6.76 | 113 | 6.02 |
| 666 | 11.20 | 35 | 3.72 | 53 | 2.71 | 77 | 7.55 | 110 | 9.79 | 150 | 8.00 |
| 617 | 10.37 | 47 | 4.99 | 64 | 3.27 | 128 | 12.55 | 136 | 12.10 | 188 | 10.02 |
| 521 | 8.76 | 60 | 6.38 | 74 | 3.78 | 141 | 13.82 | 144 | 12.81 | 203 | 10.82 |
| 5949 | 100.00 | 941 | 100.00 | 1956 | 100.00 | 1020 | 100.00 | 1124 | 100.00 | 1876 | 100.00 |

Nota: It-totali huma akbar minħabba li hemm numru ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed

## TABELLA 25 | PREVALENZA SKOND IL-LOKALITÀ

| Lokalità | Nru | % | Lokalità | Nru | % |
|---|---|---|---|---|---|
| ATTARD | 184 | 1.90 | MUNXAR | 17 | 0.18 |
| BALZAN | 106 | 1.09 | NADUR | 93 | 0.96 |
| BIRGU | 86 | 0.88 | NAXXAR | 204 | 2.11 |
| BIRKIRKARA | 549 | 5.68 | PAOLA | 277 | 2.86 |
| BIRŻEBBUĠA | 171 | 1.76 | PEMBROKE | 43 | 0.44 |
| BORMLA | 175 | 1.81 | PIETA' | 111 | 1.15 |
| DINGLI | 57 | 0.58 | QALA | 37 | 0.38 |
| FGURA | 251 | 2.60 | QORMI | 437 | 4.52 |
| FLORIANA | 90 | 0.93 | QRENDI | 56 | 0.5 |
| FONTANA | 23 | 0.24 | RABAT | 405 | 4.19 |
| GĦAJNSIELEM | 55 | 0.56 | SAFI | 35 | 0.36 |
| GĦARB | 33 | 0.34 | SAN ĠILJAN | 210 | 2.17 |
| GĦARGHUR | 38 | 0.39 | SAN ĠWANN | 222 | 2.23 |
| GĦASRI | 11 | 0.11 | SAN LAWRENZ | 15 | 0.16 |
| GĦAXAQ | 80 | 0.83 | SAN PAWL IL-BAĦAR | 284 | 2.93 |
| GUDJA | 47 | 0.48 | SANNAT | 40 | 0.41 |
| GŻIRA | 179 | 1.85 | SIĠĠIEWI | 249 | 2.58 |
| ĦAMRUN | 363 | 3.76 | SLIEMA | 482 | 4.99 |
| KALKARA | 57 | 0.59 | SANTA LUĊIJA | 85 | 0.88 |
| KERĊEM | 26 | 0.26 | SANTA VENERA | 192 | 1.99 |
| KIRKOP | 41 | 0.42 | SWIEQI | 108 | 1.11 |
| LIJA | 59 | 0.61 | TA' XBIEX | 41 | 0.42 |
| L-IKLIN | 28 | 0.29 | TARXIEN | 184 | 1.90 |
| L-ISLA | 79 | 0.82 | VALLETTA | 235 | 2.43 |
| LUQA | 121 | 1.25 | VICTORIA (GĦAWDEX) | 164 | 1.70 |
| MARSA | 221 | 2.28 | XAGĦRA | 77 | 0.80 |
| MARSASKALA | 170 | 1.76 | XEWKIJA | 64 | 0.66 |
| MARSAXLOKK | 66 | 0.68 | XGĦAJRA | 19 | 0.20 |
| MDINA | 12 | 0.12 | ŻABBAR | 309 | 3.19 |
| MELLIEĦA | 181 | 1.87 | ŻEBBUĠ | 237 | 2.45 |
| MĠARR | 56 | 0.58 | ŻEBBUĠ (GĦAWDEX) | 48 | 0.50 |
| MOSTA | 352 | 3.64 | ŻEJTUN | 296 | 3.06 |
| MQABBA | 42 | 0.43 | ŻURRIEQ | 179 | 1.95 |
| MSIDA | 158 | 1.63 | | | |
| MTARFA | 41 | 0.42 | **TOTAL** | **9,663** | **100.00** |

2006

# attivitajiet prinċipali

## ATTIVITAJIET GĦAL GĦARFIEN AKBAR

- Il-Kummissjoni organizzat il-**Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità** bejn it-Tnejn 27 ta' Novembru u l-Ħadd 3 ta' Diċembru. It-tema magħżula għal din il-Ġimgħa kienet "Indaqs: Tajjeb Għalija, Tajjeb Għalik".

- Tintemm il-kampanja ta' għarfien li damet sejra sena bit-tema "Dritt għal Għażla" u tibda oħra bit-tema **"Indaqs: Tajjeb Għalija, Tajjeb Għalija"**. Iż-żewġ kampanji huma ffinanzjati mill-Programm tal-Komunità biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni, programm ta' l-Unjoni Ewropea.

- Il-Kummissjoni organizzat **working lunch għall-uffiċjali għolja tas-Servizz Ċivili** li kien indirizzat minn numru ta' persuni b'diżabilità u ġenituri ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jirrappreżentaw lilhom infushom fejn huma esprimew il-ħsibijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom li huma jikkunsidraw bħala prijorità.

- Il-Kummissjoni organizzat **tmiem il-ġimgħa ta' taħriġ** għall-kelliema b'diżabilità li jieħdu sehem attiv f'attivitajiet differenti tal-Kummissjoni.

- Il-Kummissjoni organizzat **seminars** b'dawn it-temi:
  - il-**Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità)**;
  - **Sistema tas-Sinjali għall-Persuni b'Nuqqas Intellettwali**;
  - **is-Self Advocacy għall-Persuni b'Diżabilità Intellettwali**;
  - id-dokument: **Għodda biex Tkejjel kemm id-Diżabilità hi Parti mill-Politika Regolari** (European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool);
  - id-dokument "**Tajjeb mill-Bidu (Kif Tagħti l-Aħbar)**";
  - għall-**Youth Leaders**.

- Il-Kummissjoni organizzat **laqgħat ta' għarfien** f'diversi skejjel li fihom ħadu sehem 4,865 student.

- Il-Kummissjoni organizzat żewġ **attivitajiet kulturali** fil-beraħ waħda f'Marsalforn, Għawdex u l-oħra f'Tas-Sliema, Malta bis-sehem ta' artisti b'diżabilità.

- **Messaġġ Ministerjali** mxandar mit-TVM għall-Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità mill-Onor

Dolores Cristina, Ministru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali u s-Sinj Mariella Venanzi Beck, persuna b'diżabiltà.

## IL-QASAM TAL-POLITIKA U L-LEĠIŻLAZZJONI

- **Ir-Rapport għas-sena** Settembru 2005 - Ottubru 2006 dwar il-ħidma tal-Kummissjoni dwar din il-Liġi u dwar il-Bord li Jeżamina X'Inhu Raġonevoli ġew ippreżentati lill-pubbliku waqt il-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità (Dettalji fuq www.knpd.org).

- Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali **rapport dwar emendi għal din il-Liġi**.

- Il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' liġi dwar il-**Guardianship** ta' persuni b'diżabilità li ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom lill-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

- Il-Kummissjoni ħadmet biex tara li **l-politika nazzjonali** toffri opportunitajiet indaqs lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Dawn kienu jinkludu:
  - **il-baġit nazzjonali** għas-snin 2006 u l-2007 biex dawn jieħdu konsiderazzjoni tal-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom.
  - **ir-riforma tal-pensjonijiet** biex ġenituri li jkollhom wild b'diżabilità jkollhom perjodu itwal fejn il-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali tkun akkreditata lilhom - din il-proposta ġiet aċċettata.
  - **is-soprataxxa fuq id-dawl u l-ilma** biex is-ceiling tad-dħul li fuqu jinħadmu l-faxxi tat-taxxa u s-ceiling tad-dħul li fuqu jiġi eżentat min ma jħallasx is-soprataxxa tad-dawl u l-ilma jkunu ogħla fil-każ ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Din il-proposta ma ġietx aċċettata.
  - **Pjan Nazzjonali dwar it-Turiżmu** biex dan joffri opportunitajiet indaqs lil kulħadd. Ir-rispons għall-kummenti tal-Kummissjoni kien pożittiv.

## IS-SERVIZZI LILL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ

- Matul is-sena 2006, il-Kummissjoni tat dawn is-servizzi:
  - **Il-Karta ta' l-Identità Speċjali** - 1,143 karta ġdida (żieda ta' 5% fl-applikazzjonijiet)
  - **Is-Servizz Għajnuniet Speċjali** - 214 benefiċarju minn 276 applikazzjoni (żieda ta' 3% fil-benefiċarji u tnaqqis ta' 11% fl-applikazzjonijiet);
  - **Iċ-Ċentru tar-Riżorsi** - 223 persuna għamlu użu minnu (żieda ta' 76%);
  - **Korsijiet dwar l-Oqsma fid-Diżabilità** - 1,200 persuna (żieda ta' 30%);
  - **Il-Programm PEKTUR** - 4 benefiċarji;
  - **Servizz lill-Persuni b'Imġieba Diffiċli** - 1,480 sessjoni individwali (żieda ta' 30%) u 81 sessjoni ta' taħriġ (tnaqqis ta' 11%);
  - **Websajt** - 558 viżitatur ġdid (żieda ta' 73%).

- Il-Kummissjoni għamlet dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-entitajiet governattivi rispettivi għal dawn il-benefiċċji:
  - **L-Awtorità tal-Ippjanar u l-Ambjent** (MEPA) - ivvettjar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp għall-Aċċess għal Kulħadd - 741 applikazzjoni (żieda ta' 40%);
  - Il-**MEPA** - ivvettjar għall-Compliance Certificate - 59 applikazzjoni;
  - **Il-Ministeru tal-Finanzi** - eżenzjoni mid-dazju fuq karozzi - 149 benefiċarju minn 180 applikazzjoni (l-ebda tibdil fin-numru ta' applikazzjonijiet u tnaqqis ta' 5% fin-numru ta' benefiċarji);
  - **Id-Dipartiment tal-Liċenzji** - eżenzjoni mill-ħlas tal-liċenzji tat-triq - 86 benefiċarju minn 113-il applikazzjoni (żieda ta' 9% fl-applikazzjonijiet u 8% fin-numru ta' benefiċari);
  - Il-Kummissarju tal-Pulizija - Blue Sticker - 814-il applikazzjoni li minnhom inħarġu 615 stiker ġdida (l-ebda tibdil fin-numru ta' applikazzjonijiet u tnaqqis ta' 24% fin-numru ta' stikers maħruġa);
  - **L-Awtorità dwar it-Trasport** - reviżjoni tad-deċiżjoniet dwar ir- Reserved Parking - 12-il talba (tnaqqis ta' 65%);
  - **Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ** - permessi ta' xogħol lill-assistenti personali - 36 benefiċarju (żieda ta' 11%);

- Il-Ministeru tal-Familja - kumpens finanzjarju għall-ħlas tal-**VAT** fuq oġġetti u kompjuters li huma għall-użu ta' persuni b'diżabilità - 308 benefiċarju (żieda ta' 56%).

- Il-Kummissjoni bdiet proċedura ġdida fis-servizz tal-**Blue Stickers**. L-applikazzjoniet kollha qed jiġu vvettjati mit-tabib tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni bdiet, b'mod aktar qawwi, tiġbor il-Blue Stickers tal-persuni li jkunu mietu.

- Il-Kummissjoni ħadmet, bi ftit suċċess, biex l-aġenzija SAPPORT, is-Servizzi ta' Matul il-Jum għall-Adulti b'Diżabilità u s-Servizz Għajnuniet Speċjali jkollhom **aktar fondi** biex ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom lil kull min għandu bżonnhom.

- Il-Kummissjoni kompliet taħdem, flimkien ma' l-**Isptar Monte Carmeli u l-aġenzija SAPPORT**, biex numru ta' persuni b'diżabilità intellettwali jimxu minn dan l-Isptar għal għand l-aġenzija SAPPORT.

- Il-Kummissjoni ħadmet biex is-**Servizzi ta' Matul il-Jum** jiġu trasferiti għal mal-Fondazzjoni dwar is-Servizzi Soċjali fl-iqsar żmien possibbli u kemm jista' jkun mingħajr problemi. Ħadmet ukoll biex it-trasferiment ta' l-istudenti mill-iskejjel speċjali għal dawn iċ-Ċentri jsir bl-aħjar mod possibbli.

- Il-Kummissjoni ħadmet, bi ftit suċċess, biex il-kampanja ta' għarfien dwar il-**Bidla għall-Ewro** tkun aċċessibbli għal kulħadd.

- Il-Kummissjoni ħadmet fuq il-preparazzjoni ta' progett iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew biex jitwaqqaf **Ċentru għal Ħajja Indipendenti**

## IL-QASAM EDUKATTIV U DAK TAX-XOGĦOL

- Il-Kummissjoni tat is-sapport kollu biex jibda jiġi implimentat ir-**Rapport Spiteri** dwar ir-Reviżjoni ta' l-Edukazzjoni Speċjali u Inkluživa l-aktar fejn jidħol it-taħriġ u l-edukazzjoni post sekondarja.

- Il-Kummissjoni ħadmet biex jiġi riformat l-i**Special Needs Committee** ta' l-Università ta' Malta.

- Il-Kummissjoni tat l-appoġġ sħiħ tagħha biex jitkompla l-**proġett pilota** fl-Iskola Sekondarja Marija Assunta, il-Ħamrun, ħalli kull student b'diżabilità f'din l-iskola jkollu programm individwali edukattiv u dan jiġi segwit.

- Il-Kummissjoni ħadmet bi ftit suċċess biex ir-rapport dwar l-**Għoti tal-Mediċina** fl-iskejjel regolari jibda jiġi implimentat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

- Il-Kummissjoni, flimkien mal-Fondazzjoni għall-Aċċessibiità fl-Informatika (FITA), ħadmet bi ftit suċċess biex iċ-**Ċentri tal-Kompjuters fil-Komunità** jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

- Il-Kummissjoni ppreparat Skema ffinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew ħalli aktar persuni b'diżabilità jidħlu fid-**dinja tax-xogħol**.

- Il-Kummissjoni ppreżentat rapport biex l-investiment ta' **Smart City** ikun aċċessibbli għal kulħadd, fosthom għal persuni b'diżabilità.

## L-AĊĊESS FIŻIKU

- Il-Kummissjoni ħadmet biex il-Ministeru tal-Finanzi jimplimenta skema ta' eżenzjoni mill-VAT fuq l-ispiża biex isir **lift fil-bini ta' entitajiet volontarji jew żgħar**.

- Il-Kummissjoni kompliet tissapportja finanzjarjament il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Respite Care biex din tipprovdi servizz ta' **trasport individwalizzat** lill-persuni b'diżabilità li għandhom bżonn dan is-servizz.

- Il-Kummissjoni laħqet ftehim biex l-iskema **Park and Ride** għal Belt Valletta toffri opportunitajiet indaqs lill-persuni b'diżabilità.

- Il-Kummissjoni organizzat **żewġ laqgħat f'Għawdex**, waħda għas-sindki u l-oħra għall-periti dwar l-"Access for All - Design Guidelines".

## IL-QASAM TAR-RIĊERKA

- **Għodda biex Tkejjel kemm id-Diżabilità hi Parti mill-Politika Regolari** (European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool) - riċerka mmexxija mil-Leonard Cheshire International dwar metodi kif il-qasam tad-diżabilità jista' jsir parti integrali mill-politika nazzjonali f'oqsma differenti. Il-Kummissjoni kienet parti minn dan il-proġett Ewropew. Id-dokument finali ġie ppreżentat kemm f'Malta kif ukoll fi Brussell.

- **Prattiċi Tajba biex ikun Hemm Aċċess Raġonevoli fl-Ambjent Mibni għall-Persuni b'Diżabilità** - riċerka biex ikun hemm proċedura kif għandu jiġi stabbilit x'inhu raġonevoli. Programm koordinat mill-Università ta' Leeds u ta' Malta, bil-Kummissjoni waħda mill-imseħbin.

- **Aċċess għal Taħriġ Professjonali** - il-Kummissjoni hi sħab fi Proġett Pilota mmexxi minn De Montford Univerity sabiex persuni b'diżabilità jingħataw l-opportunità li jitħarrġu fil-qasam tas-social work.

## PUBBLIKAZZJONIJIET

- Il-Kummissjoni ppubblikat dan il-materjal f'formati differenti:
  - **Servizzi u Benefiċċji għall-Persuni b'Diżabilità*** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u tipa kbira;
  - Il-**Policy Nazzjonali dwar is-Self Advocacy għall-Persuni b'Nuqqas Intellettwali***- verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u faċli-biex-taqra;
  - **Il-Ktieb tas-Sinjali*** - verżjoni stampata u CD bil-Malti u bl-Ingliż;
  - **European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool** (EDAMAT) - verżjoni stampata bl-Ingliż u bil-Malti u b'diversi formati fuq CD;
  - **Tajjeb mill-Bidu (Kif Tagħti l-Aħbar)*** - verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u b'tipa kbira;
  - **Ktejjeb dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs*** - verżjoni bil-Malti, awdjo u tipa kbira;
  - **Il-Kodiċi tat-Traffiku bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija*** fuq CDs;
  - Żewġ edizzjonijiet tan-newsletter **INDAQS** (verżjoni bil-Malti, bl-Ingliż, awdjo u b'tipa kbira);
  - Ir-**Rapport Annwali dwar il-Liġi Opportunitajiet Indaqs** - Is-Sitt Edizzjoni (2005-2006) (verżjoni bil-Malit, bl-Ingliż, awdjo u b'tipa kbira);
  - Ir-**Rapport Annwali tal-Kummissjoni** għas-Sena 2005 (verżjoni bil-Maliti, bl-Ingliż, awdjo u b'tipa kbira).

  *Dawk immarkati b'* ġew iffinanzjati minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.*

## IL-QASAM INTERNAZZJONALI

- Il-Kummissjoni kompliet tieħu sehem fid-diskussjonijiet fuq il-livell Ewropew dwar il-**Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar il-Persuni b'Diżabilità**.

- Il-Kummissjoni kompliet tieħu sehem fil-ħidma tal-**Grupp ta' Uffiċjali Għolja dwar id-Diżabilità** ta' l-Unjoni Ewropea.

- Iċ-Ċermen tal-Kummissjoni, is-Sur Joe Camilleri, għamel id-diskors prinċipali tal-konferenza annwali tad-**Disability Studies Association** fl-Università ta' Lancaster.

## ATTIVITAJIET OĦRA

- F'Ottubru, il-Prim Ministeru reġa' ħatar il-**membri tal-Kummissjoni** għas-sentejn li ġejjin.

- Il-Kummissjoni, flimkien mal-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ, organizzat **kamp ta' taħriġ** għal żgħażagħ neqsin mis-smigħ iffinanzjat minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

2006

# highlights of major activities

## AWARENESS RAISING

- The Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) organised **Disability Week** between Monday, 27th November and Sunday, 3rd December. Its theme was: "Equal: Good for Me, Good for You."

- As the year-long awareness campaign with the the theme "The Right to Choose" drew to a close, a new campaign began with the theme "**Equal: Good for Me, Good for You**.' Both campaigns were funded by the EU Community Programme to Combat Discrimination.

- KNPD organised a **working lunch for senior officials in the Public Service**, during which a number of disabled persons as well as parents of disabled persons unable to represent themselves, put forward their views and aspirations on a number of disability issues they consider a priority in their lives.

- KNPD organised a **training weekend** for disabled individuals who are regular speakers and participants in different activities organised by the Commission.

- KNPD also organised **seminars** on the following themes:
  - **the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act**;
  - **Sign Language System for persons with an intellectual disability**;
  - **Self-Advocacy for Persons with an Intellectual Disability**;
  - the document entitled: '**European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool'** (EDAMAT);
  - the KNPD document entitled: **'Right from the Start' (Breaking the News)**;
  - **Youth Leaders**.

- KNPD organised a series of **awareness talks** at various schools, in the process reaching out to approximately 4900 students.

- KNPD organised two open-air **cultural activities** which included the active participation of disabled artists. One activity took place in Marsalforn, Gozo and the other one in Sliema, Malta.

- KNPD also collaborated in presentation of a **Ministerial Message** to mark the International Day of Disabled Persons. The message, which

was broadcast on TVM was presented by the Hon. Dolores Cristina, Minister for the Family & Social Solidarity and Ms Mariela Venanzi Beck, a disabled person.

## LEGISLATION AND POLICY

- During Disability Week, KNPD presented an **annual report** detailing the activities of its Equal Opportunities Compliance Unit and its Test of Reasonableness Board (TOR). The report covered the period September 2005 to October 2006 (Details of the report are available online: www.knpd.org).

- KNPD presented the Ministry for the Family and Social Solidarity with its recommendations regarding **amendments to the Equal Opportunities Act**.

- KNPD presented the Ministry for the Family and Social Solidarity with a **draft bill on Guardianship** of persons with disability who are unable to take responsibility for themselves.

- KNPD played its part in ensuring that various **national policies** take into full account equality of opportunities for persons with disability and their families. The following policies were included:
  - **national budgets** for 2006 and 2007 to ensure that these take into consid eration the needs of persons with disability and their families.
  - **pension reform** so that parents of disabled offsprings can gave a longer period whereby their Social Insurance contributions are accredited to them. This proposal was accepted.
  - **surcharge on utilities bills** so that the ceiling of income or tax bands used to determine who is exempted from this surcharge be higher for persons with disability and their families. This proposal was not accepted.
  - **the National Plan on Tourism** to ensure that this offer equal opportunities to all. Commission's proposals were well received.

## SERVICES FOR PERSONS WITH DISABILITY

- During 2006 KNPD provided the following services:
  - **Special Identiy Cards** - 1,143 new cards (an increase of 5% on previous applications).
  - The **Assistive Apparatus Fund** - 214 beneficiaries from 276 applicants (an increase of 3% on the number of beneficiaries and a decrease of 11% on the number of applicants).
  - The **Resource Centre** - 223 users (an increase of 76%).
  - **Disability Issues courses** - 1,200 persons (an increase of 30%).
  - **PEKTUR** - 4 benefeciaries.
  - **Service to Persons with Challenging Behaviour** - 1,480 individual sessions (an increase of 30%) and 81 training sessions (a decrease of 11%).
  - **Website** - 558 new visitators (an increase of 73%).

- The Commission made the following recommendations to various entities in order to provide them the following services:
  - **Malta Environment & Planning Authority** (MEPA) - vetting of development applications to ensure compliance with "Access to All Guidelines" - 741 applications. (an increase of 40%).
  - **MEPA** - vetting for Compliance Certificate (59 applications).
  - **Ministery of Finance** - exemption of duty on vehicles - 149 beneficiaries out of 180 applicants (no change in the number of applicants and a decrease of 5% in the number of beneficiaries).
  - **Licensing Department** - exemption on road-license - 86 beneficiaries out of 113 applicants (an increase of 9% on the number of applicants and an increase of 8% on the number of beneficiaries).
  - **The Commissioner of Police** - Blue Sticker - 814 applicants out of which 615 were granted a new blue sticker (no change in the number of applicants and a decrease of 24% in the number of new blue stickers issued).
  - The Malta Transport Authority (ADT) - review of decisions taken regarding Reserved Parking - 27 requests (a decrease of 65%).

- **The Employment and Training Corporation** (ETC) - work permits issued to personal assistants - 36 beneficiaries (an increase of 11%).
- **Ministry of the Family & Social Solidarity** - financial compensation of VAT paid on computers and other goods purchased for the use of disabled persons - 308 beneficiaries (an increase of 56%).

- KNPD introduced a new procedure regarding the issuing of a **Blue Stickers**. All applicants are now being examined by KNPD's doctor. KNPD is making greater efforts to retrieve the Blue Stickers of persons who pass away.

- KNPD lobbied, with little success, in order to assure an **increase in the budgets** of both the SAPPORT Agency, the Day Services for Adults with Disability and the Assistive Apparatus Fund.

- KNPD continues to collaborate with **Mount Carmel Hospital and the SAPPORT Agency** to bring about the transfer of a number of intellectually disabled persons from a hospital environment to a community environment under the responsibility of the SAPPORT Agency.

- KNPD is playing its part in ensuring that, as quickly and smoothly as possible, the management of the **Day Services for Adults with Disability** will be tranfered to the Foundation for Social Welfare Services.

- KNPD worked to ensure that the awareness campaign related to the **Euro Changeover** would be accessible to all. However, little success was registered in this area.

- KNPD worked on the drafting of a European Social Fund Project to establish an **Independent Living Centre** in Malta.

## THE EDUCATION & EMPLOYMENT SECTORS

- The Commission gave its full backing and support in order to ensure that the recommendations of the Inclusive & Special Education Review (known as the **Spiteri Report**) would begin to be implemented, especially those related to training and post-secondary education.

- KNPD played an active role in bringing about changes within the University of Malta's **Special Needs Committee**.

- KNPD gave its full backing in the **pilot project** at Maria Assumpta Secondary School whereby all disabled students in this school: (a) have an individual education programme (IEP) and (b) that the IEP is being followed.

- During 2006, KNPD's efforts to ensure the implementation of the report entitled: '**Regular Medication and Treatment of Children in Mainstream Schools: Policy and Procedures**' by the Ministry of Education, met with little succes.

- KNPD, together with the Foundation for IT Accessibility (FITA), had little success in ensuring that the recently set up **IT Community Centres** would be accessible according to 'Access for All - Design Guidelines'.

- KNPD drafted a European Social Fund Scheme to ensure greater participation by disabled persons in the **workforce**.

- KNPD presented a report aimed at ensuring that the project known as '**Smart City**' would be developed in conformity with 'Access for All - Design Guidelines'.

## PHYSICAL ACCESS

- KNPD collaborated with the Ministry of Finance in the implementation of the scheme whereby non-government organisations and small and medium sized businesses would be granted a **VAT refund** when installing a lift in their premises.

- KNPD continued with its financial backing of the Foundation for Respite Care Services, in order to enable it to provide **individualised transport** services to people with mobility impairments.

- KNPD reached an agreement to ensure that the Valletta **Park and Ride Scheme** would offer equality of opportunities to persons with disability.

- KNPD organised **two meeting in Gozo**, one addressed the Mayors of various local councils and the other to aimed at architects and tackling the topic of "Access for All Design Guidelines".

## THE RESEARCH SECTOR

- The **European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool (EDAMAT)** - a research project led by the Leonard Cheshire International on how disability issues can be mainstreamed into various national policies. KNPD was a partner on this project. The final document was presented in both Malta and Brussels.

- **Good Practices to Provide Reasonable Access to Persons with Disability to the Built Environment** - a research project to estalish a procedure to determine what is reasonable. This project was co-ordinated by the Universities of Leeds and Malta with KNPD as one of the other partners.

- **Access to Professional Training** - KNPD is a partners on this project which is led by De Montfort University and aims at providing opportunities to persons with disability to continue their studies in social work, among other areas.

## PUBLICATIONS

- During 2006 KNPD published the following material in different formats:
  - **Services and Benefits to Persons with Disability*** (versions in Maltese, English, audio and large print)
  - **National Policy on Self-Advocacy for Persons with Learning Disability*** (versions in Maltese, English, audio and easy-to-read in Maltese)
  - T**he Book of Signs*** (printed version and on CD in both Maltese and English)
  - **European Disability Action Mainstreaming Assessment Tool** (EDAMAT) * (printed versions in English and Maltese and various other formats on CD)
  - **Right From The Start*** (versions in Maltese, English, audio and large print)
  - **Equal Opportunities (Persons with Disability)** Act * (versions in Maltese, audio and large print)
  - **Highway Code in Maltese Sign Language*** (on CDs)
  - Two editions of the newsletter **INDAQS** (versions in Maltese, English, audio and large print)
  - The 6th Edition of the Equal Opportunities Compliance Unit's **Annual Report** (2005-2006) (versions in Maltese, English, audio and large print)
  - KNPD's **Annual Report** for 2005 (versions in Maltese, English, audio and large print).

** publications funded by the European Union.*

## THE INTERNATIONAL SECTOR

- KNPD maintained its involvement in EU-level discussions regarding the drafting of a **UN Convention** on the Rights of Persons with Disability.

- KNPD continued to take part in the workings of the EU **High Level Group** of Officials on Disability.

- The KNPD Chairman, gave a key-note talk at the annual conference of **Disability Studies Association** UK, held at the University of Lancaster.

## OTHER ACTIVITES

- In October, the Prime Minister appointed **new members** on the Commission to serve for the next two years.

- The Commission, together with the Deaf People's Association (Malta), organised **a training camp** to deaf youths. The activity was funded by EU.